Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Numru: 159/2015

Il-Pulizija

(Spettur Jonathan Ferris)

vs

Omissis

Josef Grech

Omissis

Illum 21 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Josef Grech iben Martin, imwieled Pieta' fl-24 ta' Mejju, 1981, detentur tal-karta tal-identita' numru 267081(M) u Omissis akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1) Talli F' dawn il-Gzejjer, f'Settembru 2010 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel f'isimhom u bhala rapprezentanti tas-Socjeta' Filarmonika Lourdes (Paola), b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jeccedi €232.94 izda mhux iktar minn

€2,329.37 ghad-dannu ta' Saviour Spiteri minn Haz-Zabbar, Alberto Serra mill-Gzira u George Cassar minn San Pawl il-Bahar;

2) Lil Josef Grech wahdu talli b' hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiz imposta fuqu mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) b'sentenza taghha tal- 5 ta' Mejju 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 (1)(b) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Sabet lill-imputati hatja, u ghaldaqstant ikkundannathom ghall-piena ta' sena prigunerija kull wiehed.

Fil-konfront ta' **Josef Grech**, ordnat id-dhul fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija sospiza datata 5 ta' Mejju 2010, fejn kien inghata piena ta' tmien xhur prigunerija, u b' hekk Josef Grech ghandu jservi sena w tmien xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

Rat ir-rikors tal-appellanti Josef Grech minnu pprezentat fis-7 ta' April, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-Appell u thassar is-sentenza appellata u minn dawn l-imputazzjonijiet tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi u minghajr pregudizzju fil-parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti Josef Grech u cioe':-

1. IIli fuq linea preliminari l-esponenet hassu aggravat billi s-sentenza moghtija, sabitu hati ta' twettieq ta' reat waqt l-operat ta' sentenza sospiza u kkundannathu ghal tmien xhur prigunerija, ulterjuri mal-piena originali, meta fil-fatt is-sentenza hija nieqsa minn kull referenza ghall-artiklu specifiku li

jikkostitwixxi dan ir-reat partikolari. Ebda wiehed mill-artikoli: 18, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap 9 ma jirriferu ghal dan;

2. Illi fuq linea preliminari ukoll l-esponent gie akkuzat li kkommetta reat waqt l-operat ta′ sentenza sospiza imposta rnill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b′ sentenza tal-hamsa (5) ta′ Mejju 2010 meta fil-fatt il-prosekuzzjoni naqset rnilli tippresenta kopja awtentikata tas-sententenza u b′ hekk naqset li ggib l-ahhjar prova skond il-ligi u naqset il-prosekuzzjoni milli taghmel l-identifikazzjoni necessarja skond il-ligi tal-imputat in relazzjoni mas-sentenza;

3. Illi fuq linea preliminari ukolll-esponent gie akkuzat li kkommetta reat waqt l-operat ta′ sentenza sospiza imposta rnill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b′ sentenza tal-hamsa (5) ta′ Mejju 2010 u dan fl-ghaxra (10) ta′ Awwissu 2011 meta giet ppresentata l-akkuza de quo meta fir-realta′ din is-sentenza sospiza kien giet sostitwita permezz ta′ sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-hamsa ta′ April 2011 u b′ hekk meta giet ppresentata I-akkuza kienet din I-ahhar sentenza li kient operattiva u mhux l-ewwel wahda;

4. Illi fil-mertu I-esponenet hassu aggravat billi s-sentenza moghtija, halliet barra konsiderazzjonijiet ta′ fatti li ghandhom piz mhux zghir fuq l-imputazzjonijiet kontra I-esponent. L-ewwel qorti assumiet li rresponsabilitajiet fuq il-finanzi tas-Socjeta′ Filarmonika taz-zewg imputati l-esponent kif ukolll-imputat Caruna kienu ugwali. Dan ma kienx minnu.

5. Illi d-difiza tissottometti li element baziku meta si tratta ta′ frodi minhabba cheques mhux onorati hija li trid tirrizulta li l-akkuzat kien f′posizzjoni konxja li jaf li c-cheque inkwistjoni meta hargu u li ghalihom inghata s-servizz ma setghax jigi msarraf.

6. Illi ma jissussistix reat meta l-akkuzat ma jafx jew ma jistax ikun jaf li cheque mahrug ma jistax jissarraf. Dan l-element huwa bazilari ghax mingharju ma jkunx hemm I-element tal-mens rea rikjesta fir-reat ossia f′ dan il-kaz I-intenzjoni frawdolenti li jkun hemm ingann ghal gwadann.

7. Illi hareg pjuttost car li bis-sistema li kienu jahdmu biha fil-kumitat kienet li kull persuna kellu responsabilita' dipartimentalizzata u separata minn tal-membri l-ohra. Dan ma kienx kumitat, kif hawn hafna, li kull persuna kien jaghmel ftit minn kollox imma b' mod partikolari hareg car li kull membru kellu responsabilitajiet tieghu. L-imputat Caruana, billi kien i-tezorir, kien responsabbli b'mod esklussiv fuq il-kontijiet tal-bank tant li kien l-uniku firmatarju tac-cheque book, kellu responsabilitajiet li jaghmel id-depositi u jimmonitorja l-kont u l-bilanc tieghu tant li kellu access esklussiv ghas-servizz ta' l-online banking u kellu pussess tal-internet key u c-cheque book dejjem f'idu.

8. Illi dan kien il-kompitu tieghu tant li c-cheques mertu tal-kawza huma kollu bil-kitba u firma tieghu. Ma hemm imkien fl-atti processwali prova li biha turi li l-imputat Grech kien jaf li meta inhargu ic-cheques dawn ma kienux jistghu jigu onorati.

9. Illi fis-sentenza taghha l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati tghid li abbazi ta' dak li hemm fl-istqarrija ta' l-imputati li giet rilaxxata mal-pulizija u abbazi ta' dak li jixhed l-istess ko-akkuzat Caruana hemmx dubju, tghid il-Qorti, li l-imputati t-tnejn kienu jafu dak li qed jaghmlu. Dan huwa assolutament bla bazi u m' hemm ebda prova li tista' tassoda dan kollu.

10. Illi l-ewwel net jinghad bid-dovut rispett li ai termini ta' l-artikolu 639 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tal-prim' stanza kellha tiskarta kompletament ix-xhieda ta' l-imputat Caruana meta dan jixhed kontra l-koakkuzat l-iehor u mhux tikkwota dak li jghid kontra l-ko-akkuzat l-iehor fis-sentenza u taghmilha l-bazi tal-konsiderazzjonijiet taghha. Kellha tiskarta din ix-xhieda billi kif intqal ben tajjeb fis-sentenzi tal-Appell Kriminali **Puizija vs Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady** tal-31 ta' Ottubru 2013 u **Ir-Republika ta' Malta vs' Angelo Bilocca** tas-26 ta' Marzu 2015 l-artiklu 639(3) jiddetta li x-xhieda ta' komplici tista' taghmel stat jekk tkun l-unika wahda kontra l-akkuzat l-iehor l-Qorti tirrileva l-htiega tal-kawtela meta din tkun qed

tapprezza. F'dan il-kaz fis-sentenza ta' l-ewwel istanza ma jidhirx li l-Qorti ghamlet din il-konsiderazzjoni tant li hin minnhom taccetta l-verzjoni tal-imputat Caruana meta dan jghid u jippunta lejn l-esponent pero' f'hin minnhom tghid: '*hija skuza inaccettabbli ta' l-imputat Caruana jipprova jwahhal fil-ko-imputat l-iehor biex jezimi ruhu minn dik irresponsabilita'*. Ghalhekk il-Qorti tal-prim' Istanza qed tiskredita l-kredibbilta' ta' l-imputat Caruana u ma taghaddix it-test ta' rigorosita' ai termini tal-artiklu 639(3) u bhekk ghandha tigi skartata billi ma taghmilx stat fil-konfront ta' l-esponent;

11. Illi din l-Onorabbli Qorti ta' revizjoni ghandha ghalhekk tiskarta u tassumi bhala prova li ma taghmilx stat sakemm l-Qorti ta' taghmilx apprezzament aktar rigoruz ta' dik ix-xhieda dawk it-tratti fejn l-akkuzat Caruana jixhed kontra l-ko-akkuzat l-iehor Grech. M' hemm ebda prova li tindika li Grech kien jaf dak li hemm fil-kontijiet tas-Socjeta' li taghhom kien responsabbli l-akkuzat Caruana.

12. Illi fis-sentenza taghha l-Qorti tghid ukoll l-esponent kien jaf ezattament x'kien qed jigri u ikkwota l-istqarrija li rrilaxxa mal-pulizija. Jinghad l-ewwel net li ai termini ta l-artikolu 661 tal-Kap 9 jipprovdi li: '*konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra minn jaghmilha u mixh ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra*. U ghal dan ir-raguni t-tratti fl-istqqarrija ta' l-Imputat Caruana li ghandhom x'jaqsmu ma' l-esponenti ghandhom jigu skartati minn din l-Onorabbli Qorti. Dal altro canto u bid-dovut rispett l-istqarrija ta' l-esponent fol 43 tal-process li hija twila biss zewg faccati u ma johrog minn imkien fiha li meta kienu inhargu c-cheques minn Caruana, l-imputat Grech kien jaf li dawn mhux ser jigu onorati.

13. Illi bil-kontra l-istqarrija turi bl-aktar mod car li l-esponent, wara li hargu dawk in-numri ta' cheques post dated ghal habta ta' marzu ta' l-elfejn u ghaxra u kif hu sar jaf li dawn ic-cheques mahruga ma kienux qed jissarfu, hu kien informa mill-ewwel lill-imputat Caruana biex ma jibqax johrog cheques. Mill-istqarrija naraw li, ferm qabel ma kien hemm rapproti jew pulizija involuti, l-esponent Grech pprova jara x'ser jaghmel biex lil dawn in-nies li

favur taghhom kienu dovuti flus kienu ser johduhom lura. Fil-fatt kien mar jiffacca lill-imputat Caruana b'din il-problema u kien mar jiffacca lill-kredituri stess u ra x'ghamel biex isib soluzzjoni.

14. llIi mill-istqarrija u anke' mill-provi jidher li Grech ha l-inizjattivi li jissellef flus minghand l-gharusa tieghu ta' dak iz-zmien biex jaghlaq dawn il-problemi li kien ikkawza haddiehor li ma kienx qed jikkontrolla l-finanzi sew meta kien responsabbli ghal dan. Fil-fatt Grech ghamel damage control exersice tanti li lill-kwerelant Saviour Spiteri hallsu s-somma kollha cash flok l-cheques li ma kienux issarfu u skond Spiteri stess kien fadal xi erba' mitt Euro pendenti u li ghalihom qatt m' ghamel xejn biex jirkuprohom tant li jghid li qatt ma reggha talabomlhom. Hawn huwa importanti jigi rilevat li element essenzjali hija l-hsara li tigi kkawzata lill-patrimonju. Ir-reat in mertu meta fil-fatt ikun hemm din il-hsara kkawzata f' dan il-kaz semmai, dato ma non concesso, ir-reat jezisti biss limitatament ghat-telf fil-patrimonju ossia fl-ammmont ta' erbgha mitt Euro (Euro 400);

15. Illi meta Spiteri ried iserrah rashu li kien ser jithallas ghalihom, Grech kien ghamel wicchu u gablhu cheques ta' l-ex gharusa tieghu biex jagixxu ta' garanzija ghall-pagament tal-cash li gie wara. Fl-istess sqarrija jigi mistoqsi dwar Alberto Serra fejn irrizulta, waqt il-kawza, li meta dan Serra mar fuq Grech u qallu bil-problema tac-cheques li kienu ma gewx onorati dan Grech, dejjem biex isolvi din il-problema li holoq haddiehor, sahansittra ffirmalu Kambjali favur tieghu u dan Serra fil-fatt f'idu ghad ghandu sallum kambjali validi li jiggartulu l-pagament.

16. Illi dwar ic-cheques ta' Serra hemm provi li huma konfliggenti billi gew ppresentati kopja ta' cheques relattivi li numru minnhom ma jappartjenux lil l-istess Serra tant li jindikaw persuna ohra b' isem iehor. Jinghad ukoll lil hemm konflitt car bejn dak lil hu jghid li ghad ghandu jiehu, isemmmi madwar tlett telef u erbgha mija u dak li hemm indikat kemm fic-cheques madwar elfejn u dak li hemm indikat fl-invoice madwar elfejn u tlett mija. Hemm konflitt car ta' provi ukoll meta wiehed ihares bir-reqqa lejn ix-xiehda

ta dan Alberto Serra fejn minkejja li hu fix-xhieda tieghu jghid li d-dannu sofrih hu stess (imkien ma jghid li gie ingaggat ghan-nom ta' kumpanjia jew il-kapacita' tieghu fiha u fil-fatt ic-cheques gew mahrugha lilhu personalment) hu jippresenta invoice ghall-hlas mis-socjeta' Alberto Serra international co Ltd. Dan huwa konflitt car ta' prova billi tikkontrasta dak li hu qed jghid u fuq kollox wahda mill-provi rikjesti fir-reat ta' truffa jew frodi huwa d-dannu li gie kkawzat. Ma jista' qatt ikolna sitwazzjoni fejn m'hemmx prova cara ta' minn fir-realta' sofra d-dannu ossia jekk inhu l-istess Alberto Serra (li jidher li hemm tnejn bl-istess isem Snr u Jnr skond l-istess invoice lanqas nafu minn hu minn dawn) jew inkella s-socjeta' Alberto Serra International Co. Ltd. Di piu' u bla pregudizzju ghal dan kif rajna qabel I-element essenzjali ghar-reat huwa dak tad-dannu jew hsara lil haddiehor f' telf patrimonali. Dan ma jirrizultax da parti ta' Alberto Serra billi fil-pussess tieghu ghandh bills of exchange mhux imsarfa li dawn ir-rimpjazzaw ic-cheques u li huma credit favur tieghu u ma jisghax jghid li allura l-patrimonju tieghu gie ddanneggat billi l-kambjali (l-bills of exchange) li huwa ghandu huma fir-realta' an asset li ghandu ma pprovax jsarraf u ghadhom validi sallum;

17. lIli fuq I-istess linja George Cassar naqas milli jipproduci r-ricevuti u l-fatturat ta' dak li hu qed jghid li fil-fatt sofra. Din kellha tkun l-ahjar prova tad-dannu minnu soffert haga li naqas jaghmila meta l-prosekuzzjoni hija vinkolata bl-obbligu li tressaq l-ahjar prova u dik hija l-ahjar prova tal-valur;

18. Illi Grech mhux talli ma kienx jaf jekk dawn il-post dated cheques, li allura inhargu f'gurnata differenti mid-data ta' meta dawn kellhom jissarfu, talli ma setghax ikun jaf din l-informazzjoni meta hu ghadda c-cheqes lill-kredituri u dan billi c-cheque kellu jissarraw fdata u fi zmien li fihom hu xorta ma kienx ser ikollu kontroll fuq il-kont. Sa fejn jaf hu meta nhargu c-cheques kien hemm flus fil-kont bizzejjed biex jkopru dak il-pagament partikolari u ghalhekk l-esponent kien dejjem in buona fede ghax fuq kollox hu kien qed jafda lill-imputat l-iehor Caruana li kien bniedem ta' fiducja anke' bhala professjoni tieghu ta' Avukat u li kien ilu z-zmien jafu u ma kellux ghalfejn jiddubita minnu.

19. Illi l-mod li bih irreagixxa Grech meta sar jaf li xi cheques ma kienux qed jigu onorati u d-damage control exercise li hu pprova jaghmel timmini ghal kollox it-tezi tal-prosekuzzjoni li Grech kien intenzjonat li jqarraq biex jiehu l-gwadann. Din it-tezi ghandha tigi skreditata anke' mill-qari ta' l-istess stqarrija. Minn jipprova jaghmel gwadann bil-qerq ma jipprovax jhallas kif fil-fatt ghamel immedjatament meta sar jaf bil-problema tac-cheques mhux onorati.

20. Illi l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa nieqes minn prova cara ta' l-intenzjoni frawdolenti ta' l-imputat kemm billi dan hareg car li ma kienx jaf u ma setghax jkun jaf li fid-dati futuri dawk ic-cheques li hu hallas bihom, cheques ppreparati mill-imputat Caruana bhala tezorir, ma kienux ser jigu msarfha. Grech ma kellux din l-informazzjoni pero' meta hu sar jaf Ii fil-fatt xi cheques ma gewx onorati dan hareg onqhu u ra x' jaghmel biex jsolvi din il-problema li kienet hakmet is-socjeta' . Sahansittra kemm l-esponent kif ukoll l-imputat l-iehor ossia Caruana hargu flus mill-buthom. Allura l-esponent jistaqsi fejn hi l-intenzjoni fawdolenti ghal gwadann u l-vantagg meta l-esponent f'gih is-socjeta' hallas flus minn buthu.

21. Illi tissemma ukoll li f' xi punt li l-kont gie tterminat u b' hekk cheques li kienu ghadhom ma mmaturawx dawn meta gew ppresentati, l-bank informa lill-kredituri li l-kont ma kienx ghadu jezisti. Ghal darb' ohra l-istqarrija ta' Grech hija cara li meta t-tezorir Caruana mar jaghlaq l-kont ghall-habta ta' Lulju, Grech kien ilu minn Marzi li ppresenta l-kredituri bic-cheques de quo u b' hekk meta hu ghamel hekk il-kont kien ghadu miftuh u ma kienx hemm il-hsieb li dan jinghalaq u b' hekk zgur ma tistax tezisti I-intenzjoni frawdolenti meta gew ippresentati dawn ic-cheques lura f' Marzu.

22. Illli minkejja dan u minkejja li l-esponent ma jahtix ghal dak li gara hu xorta wahda pprova jsolvi l-problemi mallewwl mal-kredituri u dan ferm qabel ma saru rapporti mal-puilizija bhal fil-kaz ta' Alberto Serra li flok ic-cheques kien iffirmalu kambjali tant li Serra kien ghaddielu c-cheuqes lura.

23. Illi ir-reat li bih qed jigi akkuzat I-esponent huwa specifiku. Il-htija ta' Grech tezisti sakemm hu meta ppresenta c-cheques u ha s-servizz, hu kien jaf li dak ic-cheque Ii qed jippresenta ma kienx ser jissarraf u ppresentah bl-intenzjoni li jinganna lill-kreditur biex minkejja kollox jaghtih is-servizz. B'hekk hemm nieqes mit-tezi tal-prosekuzzjoni prova li hu kien jaf il-qadgha li kien fih il-kont, li minnu hargu c-cheques fil-gurnata li inghata s-servizz, kif ukoll fid-data tal-maturita' tac-cheque ghax dik kellha tkun il-gurnata li fiha ried ikun hemm iI-flus fil-kont.

24. Illi fid-data li ha s-servizz bi qbil mal-kreditur ic-cheque kellu zmien biex jimmatura u b' hekk is-servizz kien qed jinghata on credit terms u mhux cash on delivery u l-kreditur ma kellux jiehu l-pagament minn id Grech dak inhar tas-servizz u b' hekk Grech wettaq l-obbligu tieghu li jaghddilu c-cheque u kellu jkun it-tezorir li jara li fil-gurnata tal-maturita' tac-cheque li jkun hemm fondi bizzejjed. Haga Ii ma gratx pobabbilment minghajr intenzjoni frawdolenti da parti tal-imputat l-iehor Caruana imma biss naxxenti minn traskuragni u nuqqas ta' kokntabilita' tieghu li wasslet ghal din il-kawza.

25. Illi dan huwa punt importanti ghax hafna drabi I-pulizija, b'zelu zejjed, kull transazzjoni kummercjlai li tmur hazina jibdew jarawha bhala frodi jew messa in xena. Hemm linja rqieqa li tifred dan kollu u li hi l-intenzjoni ta' minn jaf li dak il-pagament mhux ser jigi onorat qabel ma effettivament ikun ghamlu. Li gara f' dan il-kaz kien li inhargu numru ta' cheques post dated f' Marzu elfejn u ghaxra li t-tezorir ma hax kont tajjeb taghhom tant li meta iddecieda li jaghlaq il-kont dawn kienu intesew li kienu ghadhom ma mmaturawx.

26. Illi bla pregudizzju ghal dak espost fuq, dwar il-piena inflitta, l-esponent ihossu aggravat billi din l-piena inflitta hija eccessiva tenut kont in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz u li kien hemm diversi pieni u sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati f' dan il-kaz. Illi l-ammont inkwistjoni jinvolvi ammont li jeccedi l-mitejnu tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu. Di

piu mill-atti processwali jidher ukoll li qatt ma kien hemm allegazzjoni li l-gwadann hekk allegat kien wiehed personali ghall-esponent imma hu dejjem kien qed jagixxi f' isem is-socjeta' Filarmonika li dan iwassal fl-umli opinjoni ta' l-esponent li jnaqqas il-hruxija ta' l-allegat reat billi fir-realta' l-esponent fil-but ma dahhal xejn imma fil-fatt hareg flus minn tieghu personali biex jaghmel tajjeb ghal dawn il-problemi li dahlet fihom is-socjeta' Filarmonika u dan fl-umli opinjoni ta' l-esponent ghandu jirrifletti fil-piena imposta;

27. Illi ghal fini anke' ta' piena l-Qorti, fis-sejbien ta' htija taghha ma tagghmilx distinzjoni bejn l-artikolu 308 u 309 u addirittura tmur oltre biex tghid li din kienet kaz ta' truffa u fl-istess linja tiddeskrivija bhala messa in scena. Din id-distinzjoni hija ferma importanti billi l-piena inflitta hija wadha differenti fiz-zewg reati u dan kif johrog tajjeb fis-sentenzi : **Pulizija vs. Anthony F. Willoughby** deciza fit-12 ta' Frar 1999 mill-Qorti ta' L-Appell Kriminali u kif ukoll **Police vs. Carmena German** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004 mill-Qorti ta' I-Appell Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-appellant Josef Grech kien is-Segretarju tas-Socjeta' Filarmonika ta' Lourdes ta' Rahal Gdid u l-ko-imputat Dr Omar Caruana kien il-kaxxier u cioe' t-tezorir tal-istess socjeta';

2. Illi Alberto Serra, Saviour Spiteri[1] u George Cassar rraportaw li minkejja li kienu inghatghu cekkijiet mahruga minn din is-Socjeta', dawn ic-cekkijiet ma setghux jigu msarrfa stante li rrizulta li l-kont bankarju ma kienx fih bizzejjed fondi u f'xi kazijiet il-kont bankarju kien lehaq inghalaq;

3. Ghalhekk, il-Prosekuzzjoni kienet harget l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati.

Din il-Qorti sejra l-ewwel tqis l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant Josef Grech stante li fil-fehma ta' din il-Qorti, dan jincidi fuq il-validita' o meno tas-sentenza appellata.

L-ewwel aggravju tal-appellant Josef Grech huwa li l-Qorti sabitu hati ta' twettieq ta' reat waqt l-operat ta' sentenza sospiza u kkundannatu ghal tmien xhur prigunerija, ulterjuri mal-piena originali meta is-sentenza hija nieqsa minn kull referenza ghall-artikolu specifiku li jikkostitwixxi dan ir-reat partikolari, li ebda wiehed mill-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 ma jirreferu ghal dan.

Ghalhekk jirrzulta li l-Qorti ghalkemm sabet lil Josef Grech anke hati li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta b'sentenza taghha tal-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula, il-Qorti ma ghamlitx referenza ghall-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-parti disposittiva tas-sentenza.

Fis-seduta tal-hdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) quddiem din il-Qorti, il-partijiet irrilevaw li s-sentenza fil-konfront ta' Josef Grech hija nulla.

Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

[1] Dak iz-zmien Spettur Angelo Gafa' fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011 prezenta kwerela ta' Saviour Spiteri mibghuta minn Dr George Anton Buttigieg a fol 22 et sequitur.

'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ***u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat****.'* (Emfazi mizjud minn din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt R. Vella) Vs Dennis Farrugia Omissis'**[2] gie kkunsidrat li:

'Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. John Sultana'**[3] intqal li:

'L-Artikolu 382 tal- Kodici Kriminali jghid li s-sentenza moghtija kontra l-imputat ghandu jkollha fiha cioe` issemmi, fost affarijiet ohra, l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li jkun jikkontempla r-reat li tieghu dak li jkun ikun qed jinstab hati. S'intendi jekk l-artikolu tal-ligi citat fis-sentenza jkun jew inezistenti jew jigi citat artikolu b'iehor, dan ikun daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r- reat ma giex indikat. Hekk jidher li gara f'dan il-kaz; l-Artikolu 338(zz) tal- Kodici Kriminali ma jezistix. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ipotizzat fl- imputazzjoni huwa l-Artikolu 338(z). Kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, tali difett jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali b'mod li jkun applikabbli s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali...'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela'**[4] gie kkunsidrat li:

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 85/2009)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2001 (Appell Numru 14/2001)
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 (Appell Kriminali numru: 336/2005)

'osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.

Ikkonsidrat ;

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'

Ghalhekk din il-Qorti tqis il-fatt li l-Qorti ma indikatx l-artikoli tal-ligi ta' wiehed mir-reat li Josef Grech gie akkuzat bih u misjub hati tieghu bhala nuqqas fil-formalita' tas-sentenza li twassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront ta' Josef Grech u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tghaddi biex tiddeciedi mill-gdid il-kaz fil-mertu. L-aggravji tal-appellant sejrin jigu kkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tibda billi tqis l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Josef Grech. Din taqra '*talli F' dawn il-Gzejjer, f'Settembru 2010 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel f' isimhom u bhala rapprezentanti tas-Socjeta' Filarmonika Lourdes (Paola), b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu*

jitwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jeccedi €232.94 izda mhux iktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' Saviour Spiteri minn Haz-Zabbar, Alberto Serra mill-Gzira u George Cassar minn San Pawl il-Bahar;

Dak iz-zmien Spettur Angelo Gafa' fis-seduta datata s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) kien spjega li f'dan il-kaz ma kienx l-uficjal investigattiv izda kien gie investigat mill-Ex Spettur tal-Pulizija Ivan Cilia, li wara r-rizenja tieghu kien gie assenjat biex jassumi l-Prosekuzzjoni tal-Kaz. Huwa esebixxa numru ta' dokumenti li s-Sur Cilia kien gabar fil-kors tal-investigazzjoni.

Ivan Cilia xehed fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn spjega li meta kien Spettur l-*economic crimes* kien ircieva rapport minn ghand certu Saviour Spiteri fejn kien irrapurtalu li kellu agreement ma' Josef Grech li fil-kapacita' tieghu bhala segretarju tas-socjeta' tal-banda tas-socjeta' Filarmonica ta' Lourdes ta' Rahal Gdid kien inghata numru ta' cekkijiet li dawn ma gewx onorati mill-Bank. Il-kwerelant spjega li kien hemm ftehim bil-miktub bejn iz-zewg nahat biex hu joffri s-servizz tieghu lil din is-socjeta' tal-banda u kellu jithallas qabel ma jinghata s-servizz. Kien inghata post-dated cheques imbaghad meta mar biex isarraf dawn ic-cekkijiet ma kienux gew onorati. Il-kwerelant kien qallu li rcieva cekk numru 65 bid-data tat-28 ta' Mejju 2010 ghall-ammont ta' 350 ewro, cekk numru 64 bid-data l-10 ta' Mejju 2010 ghall-ammont ta' 250, cekk numru 63 bid-data l-10 ta' April 2010 ghall-ammont ta' 350 u cekk numru 66 bid-data 20 ta' Gunju 2010 ghall-ammont ta' 250 ewro. Il-kwerelant spjegalu li dawn ic-cekkijiet inghatawlu kollha f'gurnata wahda partikolari ghalkemm id-data ma jiftakariex ezatt jahseb li kienet ftit qabel l-10 ta' April 2010. Ic-cekkijiet li semma kienu gew mibdula ma' cekkijiet ohra li wkoll kienu post-dated u wkoll kienu ma gewx imsarfa. Ic-cekkijiet l-ohra kienu mahrugin minn certu Marion Williams fejn kien spjegalu li Josef Grech fil-bidu ta' April 2010 kien qallu biex ma jmurx issarraf ic-cekkijiet ghal issa pero dawn ic-cekkijiet imbaghad is-serviz hu lehaq ta s-servizz lill-banda. Is-servizz tieghu kien jinkludi li kellu jorganizza numru ta' muzicisti biex dawn idoqqu mas-socjeta' u skont l-agreement li kellu, kellu jithallas qabel ma jinghata s-servizz. Ic-cekkijiet baqghu ma thalsux, il-kuntratt bejniethom waqaf fis-27 ta' Gunju 2010.

Fl-istess zminijiet ircieva rapport iehor minghand Alberto Serra li prezenta erba' cekkijiet wiehed numru 98 bid-data tat-30 ta' Gunju 2010, l-iehor 96 bid-data 5 ta' Mejju 2010, cekk iehor numru 97 bid-data 25 ta' Mejju 2010 u cekk numru 95 bid-data 16 ta' April 2010. Jghid li c-cekkijiet kienu jammontaw ghal 500. Xehed li Alberto Serra spjega li kien ilu jaf lil Josef Grech u kien qed jaghmel business mieghu ghal xi 8 xhur. Kien jiproduci xi accessorji biex jitwahlu mal-uniformijiet tal-bandisti, ic-cekkijiet inghatghu lilu mal-ahhar konsenja li ta lil Josef Grech. Ic-cekkijiet kienu post dated u nghataw lilu f'April tas-sena 2010. Kien baghat ghal Josef Grech u hadlu stqarrija u tah is-solita twissija li kellu d-dritt ghall-Avukat u dritt li ma jwegibx ghal mistoqsijiet, kien iffirma dikjarazzjoni li ma kellux ghalfejn jikkonsulta ma' Avukat. Spjegalu li hu kien membru fis-socjeta' tal-banda mis-sena 1997 u f'dak iz-zmien kien segretarju ta' din l-istess banda u huwa ma kienx wiehed mill-firmatarji tac-cekkijiet izda l-frimatarju kien il-President Vince Farrugia u t-tezorier tas-socjeta' Dr Omar Caruana. Dwar ir-rapport li ghamel Saviour Spiteri, Grech spjega li veru kien hemm dan il-kuntratt iffirmat bejn iz-zewg nahat u li stipula li l-pagament lil Spiteri irid isir qabel ma jsir is-servizz. Spiteri kellu r-responsabilita li jigbor l-muzicisti imbaghad sar jaf li dawn il-muzicisti kienu qed jithalsu rati differenti u ghalhekk dehrlu wkoll li l-pagamenti ghal issa kellhom jitwaqfu. Kien urieh l-kopji tac-cekkijiet li ma gewx onorati u kkonferma li c-cekkijiet kienu gew prezentati biex '*jiffarfu*' wara li l-kuntratt ta' bejn iz-zewg nahat gie kkancellat. Cekkijiet taghhom lil Spiteri f'okkazzjoni wahda ghax Spiteri baqa jippersisti li kellu jtihallas qabel ma jinghata s-servizz. Tahomlu fi zmien f'Marzu tal-2010 wara li kkonsulta mat-terzorier tal-istess socjeta' Filarmonika.

Dwar ir-rapport ta' Alberto Serra, spjega li Grech kien qal li xtraw diversi accessorji minn ghandu izda kienu f'diskussjonijiet biex jaraw kif se jithallas. Kien ghamel xi investigazzjonijiet ohra mill-kont tal-BOV tal-istess banda li innutaw li fi Frar 2010 kienu gew depozitati 40 ewro u l-akbar ammont ta' fondi li kien hemm f'dan il-kont qatt ma kien jaqbez l-ammont ta' 800 ewro.[5] Il-kont inghalaq fid-19 ta' Gunju 2010 u ghalhekk kien jidher car li dawk ic-cekkijiet mahruga qatt ma kien hemm fondi

[5] Din il-Qorti tqis li fl-istatement of account tal-kont bin-numru 40018827316 a fol 57 et sequitur l-ghola ammont li kien hemm fil-kont kien ta' 818.56 fit-22 ta' Marzu 2010. Fl-istess jum kien hemm ukoll withdrawal fejn umbaghad l-ammont niezel ghal 468.56.

bizzejjed biex dawn jissarfu. Kien kellem lil Marion Williams li kkonfermat li kellha relazzjoni ma' Josef Grech u f'xi okkazzjonijiet kien talabha ghajnuna finanzjarja u hargitlu numru ta' cekkijiet li sussegwentement gew ritornati lilha. Kellem lil Dr Omar Caruana u lil Vincent Farrugia, Omar Caruana kkonferma li huwa firmatarju u t-tezorier tas-socjeta' u kien iffirma c-cekkijiet wara li gie mitlub jaghmel hekk minn Josef Grech. Kien ilu tezorier ta' din l-ghaqda mis-sena 2007, qatt ma qaghad isaqsi ghalfejn qed isiru dawn il-pagamenti u sar jaf biss li c-cekkijiet ma kienux qed jissarfu ghax kien Grech stess li nfurmah li c-cekkijiet mhux jissarfu. Ic-cekkijiet kienu gew mahruga f'gurnata wahda partikolari u peress li kien qed jibza li setgha jaffacja passi fic-civil, iddeciedew li jaghlqu l-kont bankarju. Ammetta li gialadarba inghalaq il-kont, ic-cekkijiet ma setghux jssarfu. Ivan Cilia spjega ukoll x'qal Vincent Farrugia.

Ivan Cilia xehed ukoll li rcevew rapport minghand George Cassar u spjega li kien biegh numru ta' mobiles u laptop lil Josef Grech fejn ghall-ewwel inghata zewg cekkijiet u kien ftakar li dawn iz-zewg cekkijiet li nghata kellhom isem femminili fuqhom pero imbaghad Josef Grech talab biex jibdilhomlu dawn ic-cekkijiet u nghata cekk numru 100 bid-data tal-14 ta' Lulju 2010 ghall-ammont ta' 700 u cheque iehor numru 87 datat l-14 ta' Awissu 2010 ghall-ammont ta' 665. Din il-Qorti tinnota li c-cekk bin-numru 87 jammonta ghal €675 mux €665 kif indikat minn Ivan Cilia. Dan huwa wiehed minn zewg cekkijiet li jinsabu fl-envelop a fol 108.

Ivan Cilia xehed li Cassar ma ftakarx id-data ezatt meta nghata c-cekkijiet izda jahseb li gara f'Lulju 2010. Kien iddepozita c-cekkijiet fid-data tal-gheluq taghhom meta kellhom jimmaturaw fl-14 ta' Lulju 2010. Ic-cekkijiet kienu tas-socjeta' Filamonika. Ivan Cilia fix-xhieda tieghu identifika numru ta' dokumenti esebiti. In kontro-ezami mistoqsi dwar ftehim mas-Sur Spiteri, qal li skont id-dokument tidher id-data tal-1 ta' Dicembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2010. Ikkonferma li kienu cekkijiet li rriplacjaw cheques ohra li nhargu minn Williams. Il-ftehim sar hafna qabel izda c-cekkijeit inghatghu lilu ftit qabel ma pprovda s-servizz tieghu. Jidhirlu li s-servizz provdih, ghalhekk inghata c-cekkijeit u provda s-servizz imma c-cekkijiet ma ssarfux. Ic-cekkijiet kienu post-dated ghal wara li hu kellu jaghti s-servizz. Kien Josef Grech li nforma lil Omar Caruana li c-cekkijiet mhux jissarfu.

Alberto Serra xehed fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn spjega li fl-elfejn u disgha (2009) avvicinah Josef Grech u staqsieh biex jaghmillu xoghol ta' spalletti, ingravati, accessorji li hu x-xoghol tieghu. Jghid li tah ix-xoghol kien ihallsu ta' xi haga imbaghad fl-ahhar pagament kellhom problemi fejn tah hafna cekkijiet li ma ssarfux. Meta mar javvicinah biex jara kif jista' jirranga bil-kwiet qallu '*no problem aghtihomli lura u naghmillek kambjali bid-data b'kollox*'. It-total kien 3400 imma tah 80 ewro jghid '*8/3/11 u minn dak in- nhar ma smajt xejn izjed.*' Mistoqsi kemm tah wiegeb '*€80 F' March 2011 - 11 -08*'. Huwa esebixxa ittra li baghtu Dr Omar Caruana[6] u spjega lil-arrangement kien li fid-data tac-cekk imur jikkexja. Mistoqsi x'kien jigri meta jikkonsenja x-xoghol wiegeb '*kien jaghtini xi haga zghira pero mbaghad il- bilanc il- kbir u dan kien . . . u dak huwa xoghol bil- logo ta' banda jigifieri ma nistax naghmel mod iehor.*' Kien jaghtih cekkijiet, jghid '*kienu ffirmati darba ta' xi hadd u darba ta' xi haddiehor ma nafx il- firma minn fejn kien igibha.*' Spjega li '*kien jaghtini xi haga imma qatt l-ammont kollu.*' Ic-cekkijiet kien jaghtihomlu post dated. Lil Josef Grech biss jaf. Meta jaghmel l-ordni normalment jaghtih c-cekkijiet post-dated. Ikkonferma li kieku ma tahx ic-cekkijiet ma kienx se jaccetta x-xoghol minn ghandu. Mistoqsi fejn huma l-original taghhom wiegeb li '*ic-cekkijiet qieghdin ghandu ghax taghjthomlu lura habba l-kambjala hux.*' Mistoqsi jekk qatt qallu li kellu xi problemi dwar il-kont li ma jissarrafx wiegeb li dejjem wara kien jghidlu. Jghid li wara li kien hemm il-problemi, issostiwixxa bil-kambjali. Mistoqsi dwar il-kambjali, qal li tah 80 ewro. Ikkonferma li l-anqas tal-kambjali l-ohra ma ha flus taghhom. Spjega li l-kopja tac-cekkijiet AS 2 huma sostituzzjoni tal-ohrajn imma mhux plus. Ikkonferma li kull darba li jigi b'dawn ic-cekkijiet jaghmel l-ordni. Mill-kambjali tah 80 ewro cash u l-ammont huwa '*3, 4 roughly*'. Spjega li kien avvicinah Josef Grech ghall-isem tas-socjeta' ghandu jifhem il-logo li ghamel kien tas-socjeta' mhux personali tieghu. Dejjem kien jaghtih xi haga u l-bilanc dejjem jakkumula. Li kieku ma kienx jaghtih ic-

[6] Din l-ittra li tinsab a fol 80 u hija datata d-9 ta' Frar, 2011 intbaghtet minn Av. Omar Caruana u taqra:

'Niktiblek fuq inkarigu tas-Socjeta' Filarmonika Lourdes Paola A.D. 1977 sabiex ninfurmak illi l-ammont ta' € 3,400.00c li huwa dovut mis-Socjeta' patrocinata minni lil impriza imexxija minnek ser jithallas fi zmien sena minn 31 ta' Marzu, 2011 sa l-28 ta' Frar 2012.

Ma' din l-ittra ghandek issib set ta' tnax il-kambjali iffirmati u accettati u li ghandhom jithallsu fid-dati imsemmija.

Direttament ninfurmak ukoll illi s-Socjeta' lesta li thallas fuq l-ammont dovut imghax bir-rata ta' 8% kemm -il darba tixtieq hlas ta' imghax fuq l-ammont dovut.'

cekk ma kienx se jaghmel ix-xoghol il-gdid. Dok AS2 hija invoice tal-kumpanija tieghu u dawk huma l-ammonti pendenti.Apparti din l-invoice hemm ohra, din giet immarkata bhala Dok AS3.

Alberto Serra rega xehed fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012), din id-darba in kontro-ezami. Ikkonferma li l-konsenji kienu bejn is-snin 2008 u 2009. Spjega b'referenza ghal Josef li '*kien jaghmilli l- ordni nikkonsenja, mbaghad immur jaghtini xi parti minnu*'. Gieli tah xi haga dak il-hin bi ftehim bejniethom. Hu kien jaghmel il-konsenja normalment. Kien ihallas parti minnhom li ma hallas xejn u halsu wara, jaghtih xi cekk, xi kultant jghaddi u l-ohrajn le. Kien ftiehem ma' Josef li jaghmlu l-arrangament, ghamlu lista ghal kull xahar umbaghad waqaf. Lehaq hallas xi haga minnhom, kien tah xi tmenin ewro cash. It-tmenin ewro kien tahomlu wara mhux dak in-nhar tal-ftehim. Il-pagament ta' Marzu kien l-ahhar pagament in segwitu tal-ftehim. Lil Vincent Farrugia sar jafu minn hawn, lil Caruana kelmu izda baqa bla rizultant u Josef kultant kellmu u anke l-Qorti qallu li issa jirrangaw. Meta kien jaghtih ix-xoghol, kien ikun jistenna pagament tax-xoghol dak in-nhar. Kien jircievi parti mill-pagament, parti cash. Il-bicca l-kbira cheques. Kien imur isibu fil-club ghad-delivery u kien jaghtih cekk post-dated. Jghid li dejjem tah xi haga 5%, 10% li kellu fil-but izda l-maggoranza kien imur ghalihom wara.

Romuold Attard xehed fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn b'referenza ghal Dok. AG7 ikkonferma li l-ittra tieghu dwar il-kont bin-numru 400 188 273 16 li infetah fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u nghalaq fid-dsatax (19) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) f'isem is-socjeta' Filarmonika Lourdes. Ikkonferma li dam miftuh minn Frar sa Gunju tal-istess sena. Jghid li minn verifika mal-branch personal tal-fergha ta' Rahal Gdid qal li '*kienu qed johorgu xi cekks illi ma kienx hemm fondi u ghaldaqstant il-bank ghamel arrangament ma Dr. Omar Caruana sabiex jithallas il-flus li skont informazzjoni li ghandu thallsu minn butu biex ikun jista' jinghalaq il-kont.*' Spjega li '*Kienu qed johorgu c-cekks li ma kienx hemm fondi available.*' Mistoqsi minn kienu l-firmatarji tal-kont qal li '*Skont il-mandate form illi ghandi kopja taghha hawn hekk, iffirmata minn Vincent Farrugia, Profs Josef Grech u Dr. Omar Caruana jghidu illi l-kont ghandu jigi mmanigjat biss mit-*

tezorier illi f'dan il-kaz huwa Dr. Omar Caruana.' In-numru tal-karta tal-identita' ta' Dr Omar Caruana huwa 440178M. Il-mandat form giet esebita bhala Dok RA1.

Dr Mark Sammut ghan-nom tal-APS Bank Ltd xehed fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn spjega li l-bank kien intalab statement of account numru 200 006 358 91 mis-sena elfejn u disgha (2009) u elfejn u ghaxra (2010). Il-kont kien inghalaq fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u kien infetah fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007). Mill-file jirrizulta li l-branch in kwisjtoni kien informa lil account holder li l-kont ma kienx qieghed jigi kondott b'mod appropju u ghax kien hemm hafna, kellu jirritorna hafna cheques bhala *dishonoured* minhabba li kien hemm *lack of funds*. Ma kienx hemm bizzejjed fondi. Dwar fejn fil-kont hemm imnizzel li fit-tnax (12) ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) hemm withdrawal ta' two thousand seven hundred (2,700) pero' jidher depozitu tal-istess ammont l-ghada u anke fil-hdax (11) ta' Awissu hemm cekk ta' wiehed u erbghin (41) u l-ghada l-istess *referred to drawer* spjega li dak ifisser li l-ewwel ikun inhareg ic-cekk u mbaghad meta jkunu ccekkjaw jekk ma jkunx hemm bizzejjed fondi, ma jkunx hemm u t-transazzjoni tigi riversjata, allura jkun credit. Il-kont kien imhaddem minn zewg (2) persuni li kienu Omar Caruana bin-numru tal-karta tal-identita' 440178M u Josef Grech bin-numru tal-karta tal-identita' 267081M. It-tnejn '*both to sign*'.

Dr George Anton Buttigieg xehed fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn spjega li kien avvicinah Saviour Spiteri li kien ikkonsulta l-banda. Skont il-ftehim ried jithallas ghal certu servizzi li l-banda kienet taghmel u kien jaqla' l-bandisti nsomma x-xoghol tieghu u nfurmah li dan kien inghata xi cekkijiet li ma kienux issarfu.

Saviour Spiteri xehed fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn spjega li dak iz-zmien kien jaqla l-bandisti mas-socjeta' filarmonika Lourdes u kellu xi pagamenti b'lura u ghandu c-cekkijiet taghhom. Jigifieri kienu jaqilghu l-bandisti biex jghaqdu l-banda. Mistoqsi dwar is-socjeta filarmonika Lourdes min kien jitolbu jaqla l-bandisti ghaliha wiegeb '*Josef Grech. Josef - insomma l-kumitat. Josef, Omar, il-President. Konna niftiehmu, kienu jibaghtu ghalija.*'

Huwa indika l-imputati. Spjega li '*Kelli ftehim jiena kemm jista'* jkun jiena l-paga tieghi, *mhux bhala paga, l-onorarja bl-ispejjez naghmel fix-xahar plus hlasijiet tal-bandisti. Li gara, kien jaghtini c-cekkijiet biex dana u dawn ic-cekkijiet kienu bbansjaw. U meta kont nghidilhom biex ihallsuni, l-kazin ma kienx f'pozizzjoni li jhallasni u kont gejt naghmel rapport lilkom biex jigru dawn l-affarijiet. Biex nipprova nithallas.'* Huwa kien kellem lil pulizija. Mistoqsi jekk ghal kull invoice kien jinghata cekk wiegeb '*Le. Jiena kien ikollna l-ftehim, skont il-ftehim li kellna ffirmat kemm ghandi niehu u kien ihallasni skont il-ftehim. Issa dan kien jaghtini cekk, jghaddi z-zmien u kien jaghtini c-cekkijiet. X'hin kont immur insarrafhom, dan kien jaghmilli closed account. Closed account hawn miktub fuqhom'*. Ic-cekkijiet gieli kien jaghtihomlu qabel is-servizz u qabel ix-xahar u daqqa kien jghidlu li ma kelliex is-socjeta' u kien jaghtihomlu wara. Jghid li kellu kuntratt li ried jonora. Ix-xoghol ma tistax taqbad u tghid ma rridx naghmlu, jghid li trid taghmlu. Ma jiftakarx id-dati ta' meta nghataw ic-cekkijiet. Jghid li ghandu erba' cekkijiet. Ikkonferma li d-data fuq ic-cekk ma tirriflettix id-data ta' meta jkun inghata c-cekk. Kien jaghtihomlu b'dati differenti u jaghtihomlu kollha f'daqqa b'dati differenti sakemm ikollhom il-flus huma biex isarrafhom ftit ftit. Ic-cekkijiet kienu jkunu ghandu anke waqt li joffri s-servizz tieghu pero' jista' jkun li ma kienx jissarraf dak inhar. Meta mar issarrafhom sab li l-kont maghluq. Jghid li kien kellem il pulizija u kien icempel id-depot biex jara fhiex waslu, qatt ma nghata risposta minn naha tal-puliizja, kienu jghidu li ghadu fil-process. Darba ircieva telefonata minn ghand Josef Grech biex il-banda terga taghmel xi haga zghira fil-Milied u qabad jidhak, qallu '*taghmel xi haga zghira fil-Milied, ghidtlu: meta jien ghandi dawn l-affarijiet pendenti? U insomma konna ltqajna, kienu skwerjaw hafna minnhom dawn. Fil-fatt ahna fil-Milied konna daqqejna xi haga zghira, kont ccettajt jien ghax kull ma kienu banda, banda zghira ta' tnax (12)-il persuna konna daqqejna gol-knisja ta' Hal Far hemm lejliet il-Milied. Pero' minn dak iz-zmien 'l hawn, minn Jannar 'l hawn, fadal hafna affarijiet zghar. Fadalli wkoll, ma ghandi xejn f'idejja, ma ghandix cekkijiet f'idejja, ghandi minn Jannar 'l hawn x'niehu minn ghand is-soccjeta.'* Mistoqsi dwar ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u l-jiem ta' qabel u x-xhur ta' qabel qal li kwazi kollox mhallas. Kellu jiehu 1,200 ewro, jghid li kien fadallu jiehu xi 400 ewro pero' kien qallu li la jiltaqghu jaghtuhomlu. Qatt ma ltaqa maghhom u meta prova jcemplilhom ma qabadhomx u qatt ma cemplulu. Kienu l-istess persuni Josef u Omar li kienu jitolbuh il-banda.

Saviour Spiteri xehed in kontro-ezami fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn ikkonferma li kien ghamel kuntratt bil-miktub mas-Socjeta Filarmonika Lourdes. Skont il-kuntratt a fol 26 LM600 ekwivalenti ghal 1,397 ewro jghid li kellu jircievieh kull tlett xhur jew erbgha. Jghid li dak l-ammont kollu maqsum f'perjodi. Sitt mija Maltin ikopri sena. Jikkonferma li apparti dik, kellu jiehu hlasijiet ohra. Kienu jiftehmu l-ammont ta' bandisti u jaraw kemm ghandhom jigu l-prezz taghhom. Jinghataw il-flus minn qabel ma jsir is-servizz. Saret referenza ghal klawsola numru disgha (9) u kkonferma li c-cekkijiet li ma ssarfux ma jirreferux ghal dak. Jghid li sa fejn setgha dejjem prova jissalvagwardja lilu u lil bandisti, is-socjeta' kwazi qatt ma mxiet ma' dak il-kuntratt, gieli sal-ahhar gurnata li ha jdoqqu, is-sebat'ijiem jintesew. Il-flus flok jigu flus, jigu cekkijiet. Fl-ahhar gurnata itik ic-cheque. Dwar cekkijiet esebiti jghid li kien hemm hlasijiet tal-bandisti maghhom. Jghid li gieli ghal bicca xoghol wahda, saru darbtejn ic-cekkijiet u tlett darbiet ghaliex tmur issarafhom u jghidlek biex tibdel u hu cekkijiet ohrajn. Jghid li '*is-soltu ic-cekkijiet, min kien jiffirmahom Josef Grech u dawk minghalija ma niftakarx ta'*, *minghalija m'humiex Josef Grech kien iffirmahom dawk ic-cekkijiet li ghandkom intom ghax dawk kienu gew mibdulin.*' Kienu mibdulin ma cekkijiet ohrajn tal-kazin. Minghalih l-ahhar cekkijiet mhux Josef Grech iffirmahom izda Omar. Gie muri Dok SS a fol 104 tal-process iffirmat minn Omar il-kaxxier kienu gew depozitati u qalulu li account closed. Spjega li '*F'xhur kienu jtuk cekkijiet. Tmur ha ssarafhom, icemplulek u jghidulek le issarahomx halli nbidluhomlok u ntuk cekkijiet ohrajn. Jigifieri jiena l-problema li ghandi issa, fuq dawn ghax tant kemm hi kompatta l-istorja li ma nixtieqx noqghod.*' Jghid li dawn ic-cekkijiet li suppost gew imsarrfin u ma gewx imsarfin. Ghamel xoghlu u ma gewx imsarrfin. Meta mar biex isarrafhom, l-account kien closed. Ikkonferma li l-isem Marion Williams idoqlu u gieli kellu cekkijiet hekk ukoll pero ma jistax jikkonferma jekk kienux minflokk dawn. Gieli hallsuh b'cekkijiet ta' Filarmonika Lourdes Paola, gieli b'cekkijiet b'isem iehor u gieli kontanti. Minghalih li dawn kienu l-ahhar cekkijiet li nhargu datati Mejju, April 2010. Spjega li qatt ma thallset is-socjeta bil-quddiem. Spjega li kien hu li talab biex jieqaf lis-socjeta' ghax dawn ic-cekkijiet bdew jibbansjaw imbaghad is-socjeta kitbet ittra hi lil bandisti, hi kisritu l-kuntratt. Spjega li l-process ta' kif tahdem banda ma tahdimiex xahar xahar jew gimgha gimgha izda sena. Kellu xoghol lest sakemm jaghlaqlu l-kuntratt. Jekk waqfuh bl-ittra f'Gunju kellu xoghol lest sa Awissu. Ma jaqbilx li fejn saru attivitajiet, il-bandisti kollha

thallsu. Spjega li skont il-kuntratt kien responsabbli li jhallas in-nies, li ma tistax tmur fuq il-bandist tghidlu tani cekk ma jissarrafx. Mistoqsi dwar li kien qieghed izomm prezzijiet esagerati jghid li jghidu li jridu. Jghid li jithallsu kull tlett xhur l-ispejjez tieghu mhux tal-bandisti. Dwar il-kuntratt a fol 26 qal li ma jiffirmax hekk.

Saviour Spiteri rega xehed fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn ikkonferma l-kuntratt li sar fl-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008). Ic-cheques ta' bandisti u kien hemm anke flus tieghu. Jghid li l-bandisti jigu biex idoqqu u mbaghad jigu biex isarfu c-cekkijiet u ma jissarfux. Ic-cekkijiet meta bbansjaw l-attivita saret u marru jsarfu c-cekkijiet u ma ssarufx. Jghid li skont il-kuntratt mhux suppost ikuntatjaw lil bandisti izda qabdu bil-firma ta' Omar Caruana u kkuntatjaw il-bandisti huma u lilu innotifikwh b'ittra fit-28 ta' Gunju. Jghid li ghamlu biex jifrankaw il-flus tieghu. Ma jiftakarx ta' xiex kienu l-flus. Tat-Trinita' kienet l-ahhar li organizza. Jghid li kien qed imur isarraf cekkijiet u ma jissarfux u ma riedx jibqa' jahdem iktar hu. Ma kienux cekkijiet ghal attivita' ohra li kien qed jiprepara ghal Awissu. Kienu jipprezentaw sett ta' cekkijiet, u jghidlek dak sarfu hemm, dan sarfu hawn, tmur issarfu u ma jissarrafx. Jghid li kisru l-kuntratt fil-15 ta' Gunju u lilu fit-28 ta' Giunju gharfuh. Mistoqsi dwar kif ic-cekkijiet huma datati l-10 ta' April 2010, 10 ta' Mejju 2010, 28 ta' Mejju 2010 u 20 ta' Gunju 2010 u kif l-ahhar attivita kienet tat-Trinita' tal-Marsa li tkun fl-ahhar ta' Mejju jew bidu ta' Gunju, ghal xiex jirreferu jghid li '*Attivita' li saret qabel dawk id-dati u maghhom hlasijiet tal-bandisti, kien ikun hemm anke l-pagamenti tieghi*'.

George Cassar xehed fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qal li r-rapport ghamlu xi tlett snin ilu jidhirlu ghal habta ta' Jannar jew Frar. Kien kellem lill-Ispettur Ivan Cilia u semmielu l-kaz tac-cekkijiet. Kellu zewg cekkijiet u mar isarrafhom u ma ssarfux. Ic-cekkijiet gew esebiti bhala Dok GC1. Kien tahomlu Josef Grech u tahomlu qabel biex jissarfu fid-data li hemm imsemmija, kien ta' naqra cans peress li forsi kellu xi diffikultajiet, '*issaportejtu*' u baqghu ma ssarfux. Qal forsi jpoggi xi flus il-bank u jkun jista' jiehodhom imma baqghu ma ssarfux. Josef Grech tah ic-cekkijiet ghax '*kont inbieghlu xi affarijiet, naghtih xi mobiles biex inbieghhom mill-hanut u ghall-ewwel mexa ta' ragel mieghu u mbaghad f'hin minnhom irrokka.*' Xoghlu kien li kellu affarijiet zghar u kien ibieghhom

jigifieri kien siefer u gab xi ghamara. Kellu dawn il-mobiles u kien ibieghhom. Kien ibieghhom lil Josef Grech. Huwa gharaf lill-imputat Josef Grech. Ic-cekkijiet inghataw hafna qabel id-data, kien diga tahulu x-xoghol hu imbaghad ha c-cekkijiet.

George Cassar xehed in kontro-ezami fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) u kkonferma li c-cekkijiet inghataw qabel id-dati indikati fuqhom. L-oggetti li ta lil Josef Grech taghhom qabel tah ic-cheques u jidhirlu li Omar tah ic-cekkijiet. Kien baghtu fl-ufficju tal-Avukat. Ma jiftakarx jekk dawk ic-cheques tahomlu biex jirriplacjaw ohrajn. Kien mar ghand Josef Grech izda c-cekk hargu tan-nuccali u cioe' Omar Caruana. Ma stenniex li se jaghmilulu data daqshekk il-boghod. Ikkonferma c-cekkijiet mghoddija lilu. Jghid li kien mar lura jghid lil Josef ghalfejn tahomlu daqsekk il-boghod. Jghid li kien daru mal-hajt li kien qata qalbu mil-flus. Ma jiftakarx ghala lil Omar Caruana ma kienx semmieh fix-xhieda tieghu izda l-affarijiet kif qed jghid issa. Jghid li kellu x'jaqsam ma' Josef Grech u lill-iehor ma jafux jghid jew skirivan tieghu ma kkalkulahx bhala importanti.

Marion Williams xehdet fil-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn qalet li taf l-imputati u cioe' hi kellha relazzjoni ma' Josef Grech ta' 6 snin, lil Vince jafu bhala l-president tal-Kazin tas-Socjeta' Lourdes u lil Dr Omar Caruana kien l-Avukat u kien ikun il-kazin. Josef Grech kien is-segretarju tal-kazin. Tghid li kienet selfitu somma flus hi wkoll u baqghet minghajru. Kellha kont mal-APS, BOV u HSBC. Kellha cheque book fuq kull wiehed izda mbaghad bdiet tara l-problemi. Spjegat li '*kien jitlobni c- cekkijiet jien kelli relazzjoni mieghu kont nafdah b' ghajnejja maghluqin*' lil Josef, l-ohrajn ma kelliex daqshekk konnessjoni maghhom. Tghid li '*Kont naghtih ic- cekkijiet kont nafdah hu kien jghidli qed jirriplacejahomli bil- flus jew qed jitfa' l- flus il- bank u qatt ma dahlu ma bdew jigu lura c- cekkijiet.*' Spjegat li fi zmien minnhom kien in charge li jiehu hsieb il-bar tal-kazin u jaghtu kaz kellhom xi problemi huma bic-cekk tal-kazin u kienet taghtih cekkijiet minn taghha biex thallas ix-xoghol li jixtru. Lil Saviour Spiteri tafu ghax kien xi konsulent tal-banda u darba taf li kellhom xi problema bic-cekkijiet tal-kazin u kienet taghtu cekkijiet minn taghha imbaghad Josef kellu jirriplacejhomlu. Dejjem lil Josef tat. Cekkijiet gieli kienet timlihom hi u gieli tiffirmahulu u taghtihulu open. In kontro-ezami qalet li hasru r-relazzjoni sena u nofs ilu u cioe' fis-26 ta' Awissu 2010. Ma tafx kemm harget

cekkijiet izda ma xi 20, ma tafx ezatt. Mistoqsija jekk ic-cekkijiet li kienu jigu lura kienu li kienet taghti lil Josef jew cekkijiet li tkun harget hi biex thallas bihom qalet li normalment kienu jkunu huma imma gieli rceviet ghax tkun minghaliha li jkollha l-flus il-bank ghax jghidilha li ha jmur jitfa u taghtih il-cashlink ghax kienet tkun xoghol u tkun minghaliha li ghandha l-flus il-bank u kien jidhol cekk dak in-nhar u kienet tmur mill-ewwel tirriplacjah flus cash. Mhijiex tghid li kienet taghtih flus biex jitfahom fl-account u ma dahlux. Kienet tkun minghaliha li ghandha flus bizzejjed. Gieli taghtu c-cheque book u kien jikteb hu u gieli kien jaghmlilha lista u tiktibhom hi fil-mamma u kienet tmur taghmel ATM transcaction u jimmarkalek xi ssaraf u le. Il-blank cheques kien jaghtiha rendikont wara. Kien hemm account li ghalqitu hi u kien hemm xi tnejn minghaliha APS u BOV inghalqu. Tghid li normalment ic-cekkijiet li kienu johorgu dejjem minhabba s-socjeta' jew habba fih. Taf li xi cheques inghataw lil Spiteri biex jithallas tax-xoghol li kien jaghmel ta' konsulent tal-kazin. Tghid li gieli kienet twaslu hi stess ghax ma kienx isuq u kien jitfaghlu c-cekkijiet fil-letter box kien jitfa envelope izda ma tafx xkien ikun fih l-envelope. Xi Gunju jew Lulju inghalaq il-kont. Indunat li cekkijiet qed jibbouncjaw mic-cekkijiet li kienet tircievi lura jew mit-transaction kien gie refer to drawer. Minghaliha li dejjem kien ikun hemm flus fil-kont. Kieku ma kinitx tohroghom. Josef kien issugerila li jkollha kont ma' BOV, HSBC u APS.

L-imputat Omar Caruana xehed fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn spjega li s-socjeta filarmonika ila tezisti mill-elf, disa' mija sebgha u sebghin (1977). Il-konnessjoni tieghu ma' din is-socjeta' bdiet f'Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) meta kien dahal fil-kariga ta' vici president, kien hajjru Josef Grech biex jidhol f'dan il-kazin, f'dan il-kumitat u accetta. F'Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) kienet saret laqgha l-kazin ghax kien irrizenja Carmelo Meli mill-kumitat u peress li ma kien hemm hadd li joqghod kaxxier kienu pproponew li joqghod kaxxier huwa. Elezzjoni qatt ma saret ghax laqgha generali tas-socjeta' skont l-istatut, qatt ma saret. Josef Grech qallu biex jidhol fil-kariga ta' kaxxier. Kien hemm Vince Farrugia bhala president u Josef Grech bhala segretarju. Vici president kien William Stevens illum mejjet. Kien hemm hafna nies involuti. L-irwol tieghu bhala kaxxier kien li '*niffirma c-cekkijiet hu li jinhargu ghax bhala kaxxier ridt niffirma c-cekkijiet tas-socjeta'*'. *Bilfors skont l-istatut ridt niffirmahom jiena. U nipprepara r-rendikont, ir-*

rendikont annwali, ta' kull sena.' Spjega li kienu jhallsu xi xoghol il-kazin, kien qed isir xi tarag u l-madum tal-ewwel sular. Jghid li nbniet xi kamra ohra, kien hemm programm lokali fl-elfejn u tienja (2008) f'Dicembru, inxtrat pittura, kien hemm hafna programmi tal-banda, servizzi u programmi, u materjal tal-banda. Fis-sena elfejn u ghaxra (2010) is-socjeta' filarmonika ma kelliex kontijiet mal-bank. Spjega '*u jien kont, gieli kont nohrog cekkijiet mil-client's account tieghi, mic-cheque book tieghi, ghal affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-kazin. Imbaghad is-Sur Grech fi Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) kien ipproponieli li jinfetah kont mal-BOV li huwa l-kont mertu ta' din il-kawza. u jiena minn naha tieghi accettajt biex ma noqghodx inkompli nohrog hafna cekkijiet mill-clients' account tieghi li ghandhom x'jaqsmu mal-kazin.*' Qabel l-elfejn u ghaxra (2010) kien hemm kontijiet ohra li nghalqu ma banek ohra. Bhala kazin fethu kont mal-bOV fl-elfejn u ghaxra (2010) biex ikunu jistghu isiru certu pagamenti li ghandhom x'jaqsmu mal-kazin. Xehed li kien hemm tlett cekkijiet li huma pagabbli lil wiehed Scerri, cekk pagabli lil Alberto Serra u erba' cekkijiet pagabbli lil Saviour Spiteri u hemm zewg cekkijiet pagabbli lil Cassar. Huwa gharaf dawn ic-cekkijiet u l-firma wkoll.[7]

Spjega li '*Jien niftakar li dawn ic-cekkijiet hrigthom fl-ewwel gimgha ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Ghax is-Sur, Josef Grech, kien tani struzzjonijiet ta' x'cekkijiet ghandi nohrog u niftakar li kont hrigthom f'dik l-ewwel gimgha. Issa dak iz-zmien jiena, dan il-kont li kien ghadu kemm jinfetah fi Frar f'dak iz-zmien fondi f'dan il-kont kien hemm ghax kont immur niddepozita l-flus jiena. Kont niftakar kont immur niddepozita madwar tliet (3) darbiet f'gimgha. Kien kwazi niddepozita xi seba' mitt Ewro (€700) fil-gimgha. Bejn wiehed u iehor.*' Dawn kienu flus gejjin mill-attivita' tal-bar tal-kazin ghax dak iz-zmien kien f'idejn il-kumitat. Il-bar kien f'idejn Josef Grech. Jghid li c-cekkijiet ta' Spiteri kienu jirreferu ghal pagament li suppost kellu jiehu skont kuntratt li kellu maghna. Jghid li c-cekkijiet inhargu biex hu jiehu l-pagament li suppost kellu jiehu ta' kull tliet xhur, skont klawsola 13 tal-kuntratt u cioe' pagament ta' 349.70c kull tliet xhur. Ic-cekkijiet inhargu biex jiehu l-pagamenti li kellu jiehu f'dik is-sena partikolari biex huwa jaghmel servizz tal-kazin. Il-pagamenti inhargu biex jiehu l-pagamenti li kellu jiehu f'dik is-sena partikolari mhux biex jaghmel servizz partikolari tal-kazin. Dawn suppost hadhom fi Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), f'Mejju tas-sena elfejn u

[7] It-traskrizzjoni tirreferi ghal fl 141 u 142 izda jirrizulta li l-kopja tac-cekkijiet mahruga lil Alberto Scerri, Alberto Serra u George Cassar jinsabu a fol 41 u 42.

ghaxra (2010), f'Awissu tas-sena elfejn u ghara (2010) u f'Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Kien ikun il-kazin u kien jinsisti maghhom jaghmel hafna pressjoni biex ikollu cekkijiet f'idejh. Kien jaghmel hafna pressjoni fuq Josef Grech u fuqu. Ma jafx meta nghatawlu c-cekkijiet li jaf li harighom fl-ewwel gimgha ta Marzu u tahomlu Josef Grech ghax hu taghhom lil Josef Grech. Josef kien jitolbu johrog dawn ic-cekkijiet u harighom post dated. Jghid li '*meta ffirmajthom jiena ma kontx naf li mhux se jissarfu, fil-gurnata li kellhom jissarfu.*' ghax kien dejjem jiddepozita. Lejn l-ahhar gimgha ta' Marzu ma bedax jiddepozita ghax talbu l-flus biex jiddepozita u ma kienx tah flus Josef. Din is-sistema ta' depoziti l-banek kienet ila ghaddeja minn Frar meta nfetah il-kont.

Dwar Alberto Serra, Omar Caruana qal li fil-perjodu Marzu - Frar, April qatt ma rah il-kazin, ma kienx jaf min hu izda sar jaf b'Serra f'Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) meta darba gie jhabbat il-bieb tad-dar tieghu. Jghid li qatt ma rah lil kazin, qatt ma ghaddielhom invoices. L-invoice li rrefera ghaliha rrefera ghaliha bhala request for payment li qieghda x'imkien fil-process. Qatt ma rahom f'Awissu 2010. Cassar qatt ma ddealja mieghu hu. Kien hemm cekk wiehed f'Marzu, kien hemm cekkijeit li ssarfu, hafna cekkijiet li ssarfu. Dawn ma ssarfux, meta marru jsarfuhom il-kont kien inghalaq peress li ma kienux jiddepozitaw. Il-bank ma kienx hemm fondi l-bank u iddecieda li jaghlaq il-kont hu. Jghid li mhux tort tieghu, ma setghax jipprevediha. Ma kienx jaf li ha tinqala din il-probleama. Il-probema inghalqghet ghxa ma kienux qed jidhlu flus il-kont, ma kienx qed jigu depoizitati, kien hemm xi cheques li ma kienux qeghdin jissarfu. Bejn wiehed u iehor kien jiddepozita xi seba' mitt ewro fil-gimgha, daqqa seba' mitt ewro u daqqa inqas, jigifieri daqqa hames mija u daqqa seba' mitt ewro.

In kontro-ezami saret referenza ghal cekkijiet a fol 41 u 42 u kkonferma li l-firem tieghu. Hu biss iffirmahom. L-invoice qatt ma rahom ghax kien johroghom fuq struzzjonijiet ta' Josef Grech, kien jaghmillu karta x'johrog u ma johrogx. Kien izomm nota, jghidlu '*Affarijiet, flokkijiet tal-banda..*' Kien jikteb nota. Kien jitkeb fil-mamma tac-cekk. Jghid li harighom fl-ewwel gimgha ta' Marzu, kien jaf li kien hemm fondi ghax kien jiddepozita l-flus hu stess. Gie muri 57 sa 61 tal-process u jghid li dak iz-zmien kien jiddepozita u kien ifisser li kien hemm flus fil-kont. Tal-APS ma kienx

firmatarju, ma jaf xejn. Fl-istatement jghid hemm x'juri li kien jiddepozita l-flus. Jghid li '*jiena meta hrigthom kont nemmen li fid-data li ha jissarrfu kien ha jkun hemm il-flus.*' Kien hemm flus fil-kont meta harighom, ma kienx vojt il-kont. Il-flus kienu gejjien mill-bar tal-kazin. Waqfu l-flus ghax talab lil Josef biex jiddepozita u ma riedx jaghtih. Qallu li kien qed jistenna xi sekwestru minn xi kredituri tas-socjeta'. Josef Grech zammhom ghan-nom tal-kazin. Qatt ma ghamel rapporti ta' approprjazzjoni indebita tas-socjeta' filarmonika kontra Josef Grech. Kien hemm riskju ta' mandat tas-sekwestru. Ikkonferma li hu kien l-unika firmararju tal-kont u kellu l-BOV securekey. Kien jara li hemm bilanc fil-kont u li anke Josef gieli rah il-kont, kien jitolbu biex jara wkoll.

L-imputat Omar Caruana rega xehed fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn spejga li fuq Saviour Spiteri l-ahhar darba li xehed kien qal li c-cekkijiet li hargu ghal Saviour Spiteri kienu nhargu biex jiehu l-pagamenti ta' kull tlet xhur skont il-kuntratt. Ghas-servizzi dejjem kien jithallas b'cash, kien jithallas fi flus kontanti, qabel is-servizz. Kienu saru zewg servizzi fis-sbatax (17) ta' Jannar u f'Marzu fid-disgha u ghoxrin (29). Kien ircieva hames mitt ewro cash ghal dan is-servizz. Ghandu l-ircevuta mahruga bil-firma tas-Sur Spiteri li turi li ha s-somma ta' hames mitt ewro bhala hlas cash qabel is-servizz. L-originali qieghda ghand is-Sur Josef Grech. Kien tah 500 ewro cash, il-flus li nhargu mill-kumitat tal-festi esterni tal-post tal-Marsa li x'aktarx hadhom hu s-sur Spiteri bhala kunsillier tal-banda. Il-pagament kien jiehdu l-konsulent tal-banda u l-flus kienu jghaddu direttament lilu. Is-Sur Spiteri dejjem bil-quddiem kien jithallas. Gie esebit dokument immarkat bhala Dok. OC1, jghid li tterminaw il-kuntratt ghal ragunijiet validi ghax kien '*jiccargja*' prezzijiet esagerati minghajr ma jikkonsulta mad-direttur tal-banda li kien is-Sur Josef Grech u ma kienx qed jaghti rcevuti fiskali li jevidenzjaw in-nefqa. It-tieni dokument gie esebit bhala Dok. OC2 li tghid ghalfejn itterminawlu l-kuntratt. Jghid li kien hemm hlas individwali ta' kull bandist over and above tlett mija u hamsin ewro kull tlett xhur. Jghid li kienu prezzijiet mhux ragonevoli. Tas-servizzi thallas u tal-pagament ta kull tlett xhur, kull ma kellu l-ewwel zewg pagementi ta' Frar u ta' Mejju izda nhargu meta dovuti mhux qabel. Imbaghad waqfulu l-kuntratt. Giet ipprezentata ittra immarkata bhala Dok. OC3.

Dwar l-ircevuta datata Mejju, sar jaf biha wara ghax tahielu Grech wara li gew interrogati u tressqu l-Qorti. Ic-cheques huma tal-kont tal-Ghaqda tas-socjeta' filarmonika. Ikkonferma li hu kien il-firmatarju tal-kont u kien fil-pussess tal-key biex jara t-transazzjonijiet u li dejjem kien jurih. Kienet f'idejh.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-istqarrija rilaxxata minn Dr Omar Caruana fl-istqarrija rilaxxata fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Ghalkemm din giet rilaxxata fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li suspettat jew akkuzat ikollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija, l-imputat Dr Omar Caruana ma kkontestax l-ammissibilita' ta' din l-istqarrija ghalhekk din il-Qorti qieghda tqisha bhala prova ammissibli. Dr Omar Caruana fl-istqarrija tieghu spjega li huwa l-kaxxier tas-Socjeta' Filamornika Lourdes ta' Rahal Gdid mis-sena 2007 u firmatarju tac-cekkijiet li tohrog din is-socjeta. Il-president huwa Vincent Farrugia u s-segretarju huwa Josef Grech. Dwar cekkijiet bin-numri 54, 65, 63 u 66 qal li '*Dawn inhargu lil Saviour Spiteri biex jithallas tal-pagamenti dovuti lilu ta' sena shiha skond il-kuntratt li ghandna mieghu. Dawn inhargu wara li ghamilna pressjoni fuqna biex ikollu c-cekkijiet minn qabel inkella l-banda tas-socjeta ma ddoqqx. Dan Saviour Spiteri kellu kuntratt maghna li jigbor il-bandisti ghas-servizzi tal-banda. Hu rid ic-cekkijiet f'idu minn qabel inkella kien ihassar kollox, is-servizzi tieghu ma jsirux.*' Ic-cekkijiet inhargu f'gurnata wahda u post dated bid-dati ta' meta kellhom jissarfu. Kienu qed jistennew li se johrog sekwestru kontra s-socjeta' u allura l-flus li kellhom fil-kontijiet kienu se jigu sekwestrati ghalhekk gie deciz minn naha tas-socjeta biex jinghalaq il-kont u ghalhekk ic-cekkijiet ma setghax jigu msarfa. Is-sekwestru kien se johrog minghand diversi kredituri ohra. Mistoqsi jekk Saviour Spiteri gie mhallas tas-servizzi tieghu, wiegeb li qeghdin jistennew minn naha tieghu jghidilhom ezatt l-ammont lilu dovut u meta jsir hekk jhallsu ghaliex huma qed jghidu wkoll li hemm xi ammonti ta' flus dovuti minnu lis-socjeta u qed jistennew li jilhqu ftehim fuq l-ammont attwali. Ikkonferma li l-firem fuq ic-cekkijiet hija tieghu pero' kien jimla c-cekkijiet, jghaddihom lis-segretarju li minn naha tieghu kien jghaddihom lil Spiteri.

Dwar cekkijiet numri 95, 97, 96 u 98 lil Alberto Serro spjega li '*Dawn inhargu biex jithallsu, spalleti, faxex tal-brieret u affarijiet ohra tal-banda li nxtraw qabel ma nhargu c-cekkijiet minghand Alberto Serra. Kienu ukoll post dated kif konna fttehmna mieghu. Dawn*

ma ssarfux ghall-istess raguni li semma qabel. Ma dan ukoll qeghdin f'trattativi halli jigi mhallas.' Lesti li jtuh xi flus u jaghmlu agreement. Dawn ic-cekkijiet huma iffirmati minnu izda Josef is-segretarju iddealja mieghu. Jghid li c-cekkijiet hadhom wara li saru t-transazzjonijiet tax-xiri u mhux qabel u kontemporanjament. Jghid li se jhallsuhom mid-dhul tal-kazin, l-ewwel ta' Serra ghax mal-iehor l-ewwel irid isir qbil dwar l-ammont.

Josef Grech irrilaxxa stqarrija fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Ghalkemm din giet rilaxxata fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li suspettat jew akkuzat ikollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija, l-imputat Josef Grech ma kkontestax l-ammissibilita' ta' din l-istqarrija ghalhekk din il-Qorti qieghda tqisha bhala prova ammissibli. Huwa stqar li jahdem bhala kummercjant u gurnalist u huwa segretarju tas-socjeta filarmonika Lourdes Paola u ilu membru minn 1997. Huwa mhuwiex firmatarju tac-cekkijiet, dan huwa l-Avukat Omar Caruana li awtorizza li jiffirma cekkijiet mahruga mis-socjeta flimkien mal-President Vince Farrugia. Dwar Saviour Spiteri qal li huwa impjegat tas-socjeta fejn jaghmel xoghol ta' konsulent tal-banda li mieghu ghamlu kuntratt kif iridu jimxu ma xulxin. Fil-kuntratt hemm stipulat kif jithallsu ll-pagamenti u dan huwa li jrid jithallas qabel kull servizz li jaghti. Kif ukoll jipprezenti il-lista tal-bandisti li jkunu approvati mid-direttur muzikali li f'dan il-kaz '*huwa jiena wkoll.*' Saviour Spiteri jaghtihom lista ta' bandisti izda mbaghad jigu nies differenti. Kien qieghed isib ukoll li dawn il-bandisti li gew maghna kienu thallsu inqas milli kienu halsu bhala socjeta. Saviour Spiteri qatt ma taghhom ircevuta fiskali kif dejjem talbu. Ghalhekk xtaqu jhallsu direttament lil bandisti Saviour Spiteri rrifjuta u talab il-hlas isir tramite lilu. L-agir ta' Spiteri kien qieghed igib telf kbir lis-socjeta.

Mistoqsi dwar erba' cekkijiet wiehed datat it-28 ta' Mejju 2010 ghal 350 ewro, iehor datat l-10 ta' Mejju 2010 ghal 250 ewro, iehor datat l-10 ta' April 2010 ghal 350 ewro u iehor datat l-20 ta' Gunju 2010 ghal 250 ewro, qal li mela prezenta c-cekkijiet li l-bank wara li kien gie tterinat l-impjieg, ic-cekkijiet kienu post dated. Gew moghtija lilu f'okkazzjoni wahda u kien insista li jinghata dawn ic-cekkijiet qabel ma jwettaq is-servizz tieghu lejn is-socjeta. Ic-cekkijiet inghatawlu f'Marzu 2010 u kellhom

jimmaturaw fid-dati indikati kif hemm miktub fuqhom. Il-kont inghalaq wara tahditiet li saru bejn it-tlett ufficjali il-president, Segretarju u kaxxier fejn il-kaxxier mar ghand is-Sur Falzon li huwa bank manager ta' BOV Rahal Gdid u inghalaq il-kont fuq decizjoni ta dawn it-tlett ufficjali. Waslu ghal din id-decizjoni ghax kien se jsir mandat kontra s-socjeta u biex is-socjeta tibqa' attiva u ma tiehux daqqa hassu li kellhom jghalqu l-kont. Spiteri thallas cash ta' xi uhud minn dawn l-ammonti, sar kuntatt mieghu biex jaqblu fuq l-ammont pendenti biex jigi mhalllas. Ghandu jaghti xi ammonti lis-socjeta' u huma jikkalkulaw x'ghandhom jtuh u isibu kompromess. Mistoqsi dwar li Saviour Spiteri qal lil Pulizija li kien jghidlu biex ma jmurx isarraf ic-cekkijiet fid-dati indikati, jghid li ma qallux hekk izda hu kien jipreferi jigi u jiehu cash. Suppost kien jaghtih cheques lura izda kien qal li kien qattahom. Jghid li fadal ammont xi jtuh vera pero ma jafx kemm.

Ikkonferma li qabel Spiteri kien inghata cekkijiet ta' Marion Williams izda dawn kienu antiki u li Williams ma setghetx tohrog cekkijiet ghan-nom tas-socjeta. Iddeciedew li ic-cekkijiet jinbidlu u Spiteri accetta. Williams ma kinitx parti mis-socjeta izda riedet tghin lis-socjeta peress li Spiteri beda jinsisti li jkollu xi haga f'idu u tawh cekkijiet ta' Williams. Ic-cekkijiet ta' Williams setghu jigu msarfa, riedet tghin b'rispett tieghu. Kien hemm cekkijiet ohra li harighom l-Avukat Caruana anke ghal persuni ohra. Il-pagamenti lil bandisti kienu jsiru cash tramite Saviour Spiteri, il-bandisti kollha mhallsin u baqa biss pendenti is-servizz ta' Spiteri u dan ghar-raguni li diga semma kif ukoll li kien hemm bandisti li thalsu inqas milli qalilhom Spiteri.

Dwar Alberto Serra li qal li ghandu erba' cekkijiet ta' 500 ewro il-wiehed li ma ssarfux mill-bank, qal li xtraw materjal ta' uniformijiet ta' bandisti u ghandhom jtuh dan l-ammont, tawh xi pagamenti zghar izda ghandhom jiltaqghu jiftehmu mieghu kif jithallas il-kumplament. F'dan l-ahhar xahar ma ghamlu l-ebda kuntatt mieghu u jahseb li ghalhekk irrikorra ghand il-Pulizija. Mistoqsi '*Alberto Serra qed jghid li hafna mil-materjal li biegh kien f' April, inghata erbgha cekkijiet f'April stess li kienu post dated izda mbaghad sab li l-kont kien maghluq, inti xi tghid?*' wiegeb '*Dan li qed jghid huwa minnu, ahna wahda mill-laqghat linaghmlu bejnietna iddecidejna li hadd mill-kumitat ma johrog flus minn butu halli jkunu nafu jekk is-socjeta' tkunx tista' tfendi wehedha. Ghal dan*

il-ghan jiena ghamilt kawza kuntratt notarili fejn jien ghandi niehu xi ammonti mis-socjeta' kif ghandhom jiehdu ufficjali ohra.'

Din il-Qorti tfakkar li dak mistqar minn ko-imputat kemm fl-istqarrija rilaxxata u anke fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti ma jiswiex fil-konfront ta' ko-imputat iehor.

Quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali regghu xehdu l-vittmi sabiex jigi stabbilit jekk thallsux dak dovut lilhom. Giet ipprezentata nota minn Alberto Serra fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn gie ddikjarat li ma rcieva l-ebda hlas minn ghand Josef Grech. Fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sna elfejn u dsatax (2019) l-appellant Josef Grech prezenta kopja ta' bank transfer li sar minnu fl-ammont ta' seba' mitt ewro fil-konfront ta' Alberto Serra. Alberto Serra fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) xehed li ghamel kompromess mas-Sur Grech u jista' jirtira. Spjega li r-relazzjoni mas-Sur Grech kien li bieghlu xi xoghol, uniformijiet, ingravati u hekk meta kien surmast ta' Lourdes Band Club. L-ammont kien 2920.50 izda gew f'kompromess, accetta xi haga u jikkancellaw kollox. Illum ma ghandux pretenzjoni kontra tieghu. Jghid li lil Grech biss kien jaf, kien iltaqa mal-Avukat Caruana xi darba tah cekk '*ġie lura mbarazzi.*' Huwa gharaf lil Caruana ukoll.

Saviour Spiteri xehed fil-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) ma jafx x'kellu jiehu ghax ghadda zmien. Ikkonferma li nghata s-somma ta' 700 minghand Josef Grech, jghid li kellu jiehu la jaf tnax u lanqas tlettax-il mija skont ic-cekkijiet. Mhuwiex sodisfatt bis-700 li ha. Il-*full payment* jixtieq. Minghalih 500 il-kumplament. Ic-cekkijiet inghatghu lit-tnejn li huma. Kienu jirraprezentaw l-ghaqda, minghalih wiehed kien kaxxier u l-iehor is-segretarju. Ghandu cekkijiet tal-banda, tal-Ghaqda tal-Muzika.

Fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) rega xehed Saviour Spiteri fejn qal li fit-2019 Josef Grech gablu karta biex jiffirma b'xi 350 ewro u qallu li l-Qorti iddeciediet li tiehu 350 ewro, qallu li mhux ser jaccettahom u min hawn u min hemm qallu li ha jaghtih 700 ewro li jigu nofs is-somma. Jghid li fadallu nofs. Ilhom ghaxar

snin ghaddejin biha din l-istorja. Kellem lil Omar izda mhux lest li jhallas. Gie mistoqsi dwar li fl-4 ta' Jannar 2003 qal li kien fadallu jiehu xi 400 ewro wiegeb li 700 li fadallu jiehu ta' dawk ic-cekkijiet li prezenta li ma thallsux. Ma jfissirx li ma kienx hemm affarijiet ohra. Jghid li mill-1200 qatt ma ha *one cent* u li ha biss 700 ewro fl-2019. Jghid li gabar suppost kien cekkijiet biex jithallsu bandisti u dawn gew ibbawnsjati, kien hemm flus ta' kuntratt li suppost thallas hu u ghandu l-kuntratt, kien baqalu jiehu dawk ic-cekkijiet li qatt ma ha 1 cent izda rcieva 700 minnhom mis-Sur Josef Grech. In kontro-ezami mistoqsi kemm hu l-ammont tac-cekkijiet wiegeb li l-Avukat qara 1200. Saviour Spiteri rega xehed fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn qal li qisu nofs siegha ilu ghajjatlu Josef Grech u tah l-hlas pendenti ta' 500 li kien fadal, ghalhekk iffirmalu karta li ma ghandu jiehu xejn aktar. Jikkonferma li ma ghandu jiehu xejn aktar minn ghandhom it-tnejn. Ikkonferma li kellu negozju iehor ma Josef Grech. In kontro-ezami qal li kull negozju li kien ikollu fejn jidhol l-affarijiet tal-banda tieghu dejjem kien maghhom it-tnejn. Daqqa ltaqa ma wiehed u daqqa ltaqa maghhom it-tnejn pero' dejjem bl-approvazzjoni taghhom it-tnejn. Il-kuntratt iffirmat minnhom it-tnejn u Omar kien bhala kaxxier tas-socjeta u filli jibghat karta bhala avukat ghan-nom tieghu personali. Omar kien tahomlu c-cekkijiet bil-firma tieghu. Ghal certu xoghol kien ikun prezenti ghax kien il-kaxxier tas-socjeta'. Jaqbel li Josef Grech kien is-segretarju. Jghid li fejn jidhol flus hawn Malta, ikun aktar respnsabbli l-kaxxier. Kemm ilhom ghaddejin il-proceduri ma' Omar, ma kienx hemm aktar negozju.

George Cassar xehed fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn qal li rcieva 700 minghand Josef ta' negozju li ghamlu snin ilu. Ftiehem mieghu li l-gimgha d-diehla jaghtih 300 ohra u jkun tajjeb. George Cassar fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (200) xehed li kien tah 700 mija l-ahhar darba li gie u kien baqalu jaghtih 300 u tahomlu. Ma baqax pendenzi.

Ikkunsidrat;

Skont l-appellant Josef Grech, l-Ewwel Qorti assumiet li r-responsabilitajiet fuq il-finanzi tas-Socjeta' Filarmonika taz-zewg imputati l-appellant kif ukoll l-imputat Caruana kienu ugwali. Jghid li dan mhuwiex minnu. Jissottometti li trid tirrizulta li

l-akkuzat kien f'posizzjoni konxja li jaf li c-cheque in kwistjoni meta hargu u li ghalihom inghata s-servizz ma setghax jigi msarraf. Jissottometti li ma jissustix reat meta l-akkuzat ma jafx jew ma jistax ikun jaf li cheque mahrug ma jistax jissarraf. Dan l-element huwa bazilari ghax minghajru ma jkunx hemm l-element tal-mens rea rikjesta fir-reat, f'dan il-kaz l-intenzjoni frawdolenti li jkun hemm ingann ghal gwadan. Jaghmel sottomissjonijiet dwar l-mod li kienu jahdmu biha fil-kumitat fejn kull persuna kellu responsabilita' dipartmentalizzata u separata minn tal-membri l-ohra. Jaghmel referenza ghall-artikolu 639 u l-artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jissottometti li l-Qorti ghandha tiskarta u tassumi bhala prova li ma taghmilx stat sakemm il-Qorti ma taghmilx apprezzament aktar rigoruz ta' dik ix-xhieda dawk it-tratti fejn l-akkuzat Caruana jixhed kontra l-ko-akkuzat l-iehor Grech. L-appellant Josef Grech jissottometti ukoll li t-tratti fl-istqarrija tal-imputat Caruana li ghandhom x'jaqsmu mal-esponent ghandhom jigu skartati. Kif gia inghad aktar kmieni f'din is-sentenza, dak mistqar minn ko-imputat ma jaghmilx stat fil-konfront ta' ko-imputat iehor u ghalhekk ghalkemm din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza ghamlet referenza ghal uhud minn dak li xehed jew stqar il-ko-imputat anke fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, dan ma jaghmilx stat fil-konfront tal-appellant.

L-appellant jissottometti li kif sar jaf li ma gewx onorati hareg ghonqu u ra x'jaghmel biex isolvi din il-problema li hakmet is-socjeta'. Jghid li hargu flus minn buthom u ghalhekk isaqsi fejn hi l-intenzjoni frawdolenti ghal gwadann u l-vantagg meta l-appellant hallas flus minn butu. Il-punt li l-kont gie tterminat u b'hekk cheques li kienu ghadhom ma mmaturawx dawn meta gew prezentati, il-bank informa lil kredituri li l-kont ma kienx ghadu jezisti. Grech kien ilu minn Marzu li prezenta l-kredituri bic-cheques de quo u b'hekk meta hu ghamel hekk il-kont kien ghadu miftuh u ma kienx hemm il-hsieb li dan jinghalaq u b'hekk zgur ma tistax tezisti l-intenzjoni frawdolenti meta gew ipprezentati dawn ic-cheques lura f'Marzu. Jissottometti li l-htija tezisti sakemm hu meta pprezenta c-cheques u ha s-servizz kien jaf li dak ic-cheque li qed jipprezenta ma kienx ser jissarraf u pprezentah bl-intenzjoni li jinganna lil kreditur biex minkejja kollox jaghtih is-servizz. Jissottometti li hemm nieqes mit-tezi tal-prosekuzzjoni prova li hu kien jaf l-qaghda li kien fih il-kont, li minnu hargu c-cheques fil-gurnata li nghata s-servizz kif ukoll fid-data tal-

maturita' tac-cheque ghax dik kellha tkun il-gurnata li fiha ried ikun hemm il-flus fil-kont. Jissottometti li gara kien li nhargu numru ta' cheques post dated f'Marzu tal-elfejn u ghaxra li t-tezorir ma hax kont tajjeb taghhom tant li meta iddecieda li jaghlaq il-kont, dawn kienu intesew li kienu ghadhom ma mmaturawx. Jaghmel sottomissjonijiet dwar dak li jirrizulta mill-istqarrija tieghu u tal-fatt li ghamel damage control exercise. Jissottometti li minn jipprova jaghmel gwadann bil-qerq ma jipprovax ihallas kif filfatt ghamel immedjatament meta sar jaf bil-problema tac-cheques mhux onorati. Dwar dan l-ahhar punt, din il-Qorti taghmilha cara li mhuwiex il-kaz li l-appellant lehaq hallas lil kredituri dak kollu dovut qabel ma nhargu l-imputazzjonijiet filfatt jirrizulta li numru ta' hlasijiet saru fil-mori tal-appell.

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal gurisprudenza dwar l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti tissottolinea li r-reat minuri taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa kompriz u involut fir-reat taht l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u huwa ghalhekk li hafna drabi il-Qrati jindikaw dawn iz-zewg artikoli meta tinstab htija taht l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela'**[8] gie kkunsidrat:

'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil- gurisprudenza taghna.

Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)[9].

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Dicembru, 2011 (Numru: 688/2009)

[9] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata)

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[10]

artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.

Antolisei jkompli jghid pero li

nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa[11].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet[12].

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati verament kienu diretturi tas-socjeta Bahia Estates Limited liema socjeta verament kienet akkwistat propjeta biex tizvilluppaha f'binja gdida. Jirrizulta wkoll li fil-fatt din il-propjeta giet zvilluppata bil-mod kif kellha tigi zvilluppata. Huwa pacifiku li s-socjeta Bahia Estates Limited kellha diffikoltajiet biex tottjeni il-kancellamenti minghand l-APS Bank Limited biex tkun tista' tbiegh parti mill-binja zvilluppata lill-parte civile. Pero huwa pacifiku ukoll li l-parte civile kienu jafu b'dawn id-diffikoltajiet u xorta baqghu iggeddu l-konvenju. F'dan il- kwadru ta' fatti ma tirrizulta l-ebda messa in xena, u lanqas ma jirrizulta xi ingann perpetrat da parti tas-socjeta Bahia Estates Limited li permezz tieghu induciet lill-parte civile biex jaghmlu l-pagamenti li fil-fatt ghamlu.

---

10 Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) fis-sentenza citata)

11 Op cit pagna 357(Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)

12 Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, fil- fehma tal-Qorti r-reati kontemplati f'l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma gew pruvati.'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus George Manicolo'**[13], gie kkunsidrat li:

"Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;

Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;

Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs George Debono ta' 49 sena, bin il-mejjet Mario u l- mejta Maria Victoria nee' Zammit imwieled**

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998

B'Kara fid- 9 ta' Mejju 1959 u joqghod 13, Dar il-Hena, Triq Karm Sammut, B'Kara detentur tal-karta ta' l-identita' numru 330859(M)'[14] gie kkunsidrat li:

'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:

"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

---

[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Lulju, 2010 (Numru: 154/2009)

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew

b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew

c. ta' kwalifiki foloz jew

d. billi jinqeda b'qerq iehor u

e. ingann jew

f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,

g. jew ta' hila

h. setgha fuq haddiehor jew

i. ta' krediti immaginarji jew

j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l- manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl- assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi. ....''

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate,***

inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi ghar-rigward ta'l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."'***

Ikkunsidrat ulterjorament;

Din il-Qorti sejra tqis il-gurisprudenza dwar meta cekkijiet li ma jkunux jistghu jigu onorati jammontaw ghar-reat taht l-artikolu 308 jew taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija kontra Philip Petroni'**[15] il-Qorti ikkunsidrat li:

'Kif inghad, f'dan il-kaz il-qerq konsistenti fil-hrug taz-zewg cekkijiet li ma setghux jissarfu b'ebda mod ma wassal lis-socjeta' P. Cutajar & Co. Ltd. biex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li gabitilha telf bil-konsegwenti arrikkiment tal-appellant Petroni. Ghalhekk anqas ma jikkonfigura r-reat ta' lukru frawdolent innominat kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali.
Din il-Qorti fl-ahharnett tosserva li qed jigu spiss quddiemha kazijiet fejn jidher li l-pulizija qed tipprocedi kontra dak li jkun fuq akkuza ta' frodi fuq l-insistenza tal-avukat jew avukati tal-allegat vittma meta ezami oggettiv u spassjonat tal-fatti ghandu juri li l-kaz ikun wiehed purament civili jew kummercjali u mhux ta' natura penali. Il-pulizija ghandha, ghalhekk, qabel ma tmexxi f'kazijiet bhal dawn tezamina sew il-fatti biex tara jekk verament jikkonkorrux l-elementi kollha tar-reat ipotizzat u mhux tissokkombi ghall-pressjonijiet li jsirulha mill-avukati, ghax altrimenti jista' jigri li l-proceduri penali jibdew jintuzaw bhala forma ta' pressjoni jekk mhux addirittura ta' rikatt fuq dak li jkun biex ifittex ihallas id-debitu civili jew kummercjali li jkollu ma terzi. Hu appena necessarju jinghad li l-proceduri penali ma ghandhom qatt jigu strumentalizzati ghal dan il-fini.'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Maurice Curmi kontra Anthony Scicluna'**[16] gie kkunsidrat li:

'Illi din il-Qorti qed taghmel riferenza ghal sentenza tal- Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Pul. V. Simon Baldacchino Barthet" deciza fit-13 ta' Novembru, 2008, fejn il-fatti ta' dak il-kaz kienu simili hafna ghall-kaz in esami. Dik il-Qorti, fis-sentenza indikata, qalet hekk:

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appll Kriminali fis-16 ta' Marzu, 1999 (Appell Numru 215/98, 217/98)
[16] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' April, 2009 (Numru: 1464/2007)

"Illi f' materja ta' emissjoni ta' cheques li sussegwentement ma jigux onorati mill-Bank li fuqu jkunu inhargu, l- gurisprudenza nostrana esprimiet ruha f' diversi sentenzi.

Hekk, f' cirkostanzi analogi din il-Qorti diversament preseduta addirittura rriteniet li jkun hemm ir-reat ta' truffa meta jigi emess cheque li ma jigix onorat mill-bank anki meta precedentement il-kwerelant gja jkun kellu problemi biex isarraf cheques tal-kwerelat u tali sitwazzjoni b' ebda mod ma tkun tfisser li bejjiegh ikun dispost li jikkonsenja merkanizija "on account". Anki fejn umbaghad wara l- appellant ikun hallas, dana xorta wahda ma jfissirx li t- truffa ma tkunx saret . ("Il-Pulizija vs. Olaf Cini" [21.6.2002]).

Fil-kawza: "Il-Pulizija vs. Franco Farrugia" , (App. Krim. [7.2.1985] Vol. LXIX. P596), gie ritenut li:-

"Il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus, jista' jkun proprju l- mezz tal-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali, bil-konsegwenti gwadann ghall-agent"

Fil-kawza : "Il-Pulizija vs. Emmanuel Ellul", App. Krim. [20.6.1997] gie ritenut li :-

"Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga komplikata jew arkitetta b' hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is- sitwazzjonijiet ta' meta persuna b' kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x' tifhem li ghandha flus meta m' ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b' wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna."

Hu veru li fil-kaz ta' Ellul il-Qorti lliberat mill-akkuza ta' truffa ghax bil-fatt li l-appellant kien baghat cheque lil VAT Department u dan ma ssarrafx, ma setax jinghid li l-qerq tieghu – il-hrug tac-cheque fuq kont vojt – incida (jew seta' jincidi) fuq id-Dipartiment b' mod li dak id-Dipartiment jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li jgib it-telf u l- qliegh imsemmi. Imma l-kaz prezenti hu ghal kollox differenti ghax, minnhabba l-hrug tac-cheques, l-appellant materjalment akkwista l-konsenji tal-merkanzija ghad- dannu patrimonjali ta' min ma kienx jeffettwa tali konsenja jekk mhux versu l-korrispettiv tal-prezz. (ara ukoll : "Police vs. Anthony Francis Willoughby" App. Krim. [12.2.1999], "Il-Pulizja vs. Daniel Frendo" App. Krim. [5.3.1994] u l-"Il- Pulizija vs. Carmel Cassar Parnis" App. Krim. [2.12.1959])

Illi umbaghad, ghall-kull buon fini, jissemma ukoll dak li gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl- appell "Il-Pulizija vs. Francis Debono" [8.10.1992] li jkun hemm it-tielet element tar-reat ta' truffa w cioe' dak tal- qliegh bi hsara ta' haddiehor anki fejn kienu gew emessi zewg cheques bl-intiza bejn l-emittent u r-ricevitur tac- cheques li kellhom ikunu "post-dated", meta wiehed minnhom sussegwentement ma ssarrafx fid-data li suppost ikollu jissarraf fiha.

F' il-kaz ta' Debono pero' din il-Qorti kienet laqghet l- appell u rrevokat decizjoni ta' htija ta' truffa ghaliex, fil- waqt li qed johrog ic-cheque, l-emittent Debono kien wera bic-car li c-cheque x' aktarx mhux ser ikun possibbli li jissarraf fid-data vicina li kien qed jinsisti ghaliha l-kreditur f'dak il-kaz hu kien qal lill-kreditur li kien qed jaghafsu hafna bl-insistenza tieghu ghal dak ic-cheque. Ghalhekk il-Qorti rriteniet li f' dak il-kaz il-kreditur kellu ragonevolment jifhem li kien hemm aktar minn possibilita' li c-cheque li kien insista ghalih hu ma kienx ser jissarraf u ghalhekk kien karenti l-element tal-mens rea.

Illi f' dan il-kaz, ma hemmx dubju li kien hemm l-element tat-telf patrimonjali, ghaliex id-ditta Meli Bugeja Limited telqet minn idejha merkanzija li ma kienetx preparata li titlaq kieku ma kienx ghal fatt li minnghaliha bic-cheques in kwistjoni kienet ser tithallas kemm ghall-prezz tal-istess merkanzija kif ukoll il-profitt legittimu taghha. Dan it-telf patrimonjali kien zgur jissussisti fil-mument tal- konsumazzjoni tar-reat u cioe' meta, biex jakkwista l-konsenja tal-merkanzija, l-appellant emetta cheques li kien jaf li ma setghux jissarrfu w fil-fatt baqghu ma ssarrfux. Lanqas ma rrizulta bhal ma rrizulta fil-kaz ta' Debono, li l-appellant , meta emmetta l-post dated cheques, kien b' xi mod nebbah lill-Diego Attard - li kien qed jagixxi ghan-nom ta' Meli Bugeja Limited - li kien hemm xi biza' jew perikolu li c-cheques setghu ma jigux onorati.

Hu minnu li f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti ma sabitx htija taht l-artikolu 308, imma dan ghamlitu mhux ghax ma kienx hemm il-qerq biex minnu jsir il-qliegh, imma ghax dan il- qerq ma kienx akkompanjat mill-messa in scena li hi element indispensabbli biex tinstab htija tar-reat ta' truffa kontemplat f' dak l-artikolu.

Pero' dan ma jfissirx li ma jissussistix ir-reat kompriz u involut ta' frodi innominata skond l-artikolu 309 u ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha li fil-waqt li lliberat mill- akkuza ta' truffa, sabet htija tal-frodi innominata."

Illi fil-kaz li ghandha quddiemha llum il-Qorti, ic-cirkostanzi huma kwazi identici ghal dawk indikati fis-sentenza ghawn fuq imsemmija. L-imputat ta' l-anqas messu kien jaf li c- cekkijiet tieghu ma setghux jissarrfu, kif jidher car mil- "bank statement" tal-kont tieghu ghall-perijodu indikat. Inoltre assolutament ma jaghmilx sens li l-imputat ighid fl- istqarrija tieghu li hu kellu flus fil-kont bankarju, jew li kellu fondi izda nesa jiddepositahom fl-istess kont (vide fol. 20 tal-process), umbaghad fix-xiehda tieghu (a fol. 118) ighid li hu tahom ic-cekkijiet bi ftehim li jhallas bi flus "cash" in kambju tal-istess cekkijiet, bhal li kieku ic-cekkijiet kienu forma ta' kambjala jew "promissory note" ghal hlas. Bid- dovut rispett, il-Qorti ma tarax li dawn il-verzjonijiet tal- imputat jaghmlu sens, anzi huma kontradittorji ghal xulxin. Ghalhekk, apparti li dawn iz-zewg verzjonijiet moghtija minnu m'humiex ikkorroborati minn ebda provi ohra, huma inverosimili u inaqqsu l-kredibilita' tal-imputat.

In konkluzjoni, ghalhekk, jirrizulta li l-imputat ghamel qligh a dannu tas-socjeta' Intercomp billi hareg cekkijiet li ma setghux jissarrfu, in kambju ta' merkanzija konsistenti fi "computers" u "points of sale", ghall-uzu fl-istabbiliment kummercjali proprjeta' tieghu. B'hekk l-element ta' telf patrimonjali soffert minn Intercomp irrisulta wkoll. Dan jinkwadra ruhu fir-reat ta' qligh b' eghmil qarrieqi, jew frodi innominat, skond l-Artikolu 309 tal-Kap 9. Ma rrisultax li dan ir-reat kien akkompanjat mill-messa in xena rikjest biex jiskatta r-reat skond l-Artikolu 308, u ghalhekk il-Qorti ser tiddikjara lill-imputat hati tar-reat ai termini tal-Artikolu 309 biss, u tapplika l-piena idoneja skond id- disposizzjonijiet tal-Artikolu 310 tal-Kap 9.'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Olaf Cini'** [17]gie kkunsidrat:

'It-tielet aggravju tal-appellant hu li t-truffa fir-rigward tal- istabbiliment 3K Supermarket ma gietx pruvata. L-appellant bazikament jikkontendi li ma kienx hemm prova li sid l-istabbiliment, Louis Sargent -- li lilu nghata c-cekk meta l- appellant ghamel xirja groceries -- ma kienx dispost li jaghti l- groceries bid-dejn lill-appellant u li dan ihallsu imbghad wara, kif effettivament ghamel. Dana l-aggravju wkoll jirrazenta l- fieragh. Hu evidenti mill-provi li l-imsemmi Sargent ta l- groceries lill-appellant ghax dan hallas, ossia kien jidher li qed ihallas, permezz tac-cekk (li in segwitu ma giex onorat mill- bank ghax ma kienx hemm flus fih). Fi kliem iehor, minhabba r- raggiri jew artifizji ta' l-appellant kien hemm il-konsenja ta' l-oggetti bil-konsegwenti telf patrimonjali ta' Sargent u l-qligh tal- appellant – konsistenti fl-ittehid tal-groceries. Kuntrarjament ghal dak sottomess mid-difensura tal-appellant quddiem

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Gunju, 2002 (Appell Numru: 64/2002)

din il- Qorti, l-ewwel qorti applikat b'mod ineccepibbli d-dottrina in tema ta' truffa u ta' frodi innominata kif enuncjata minn din il- Qorti fis-sentenzi ***Il-Pulizija v. Anthony Francis*** *Willoughby u* ***Il-Pulizija v. Philip Petroni*** *tat-12 ta' Frar, 1999 u 16 ta' Marzu, 1999 rispettivament. Ma hemm xejn fid-deposizzjoni ta' Louis Sargent (fol. 43-47) li tindika, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dana kien lest li jaccetta cekk fazull biex jitlaq il- groceries minn idejh, basta li jithallas f'xi zmien wara. Il-fatt li dana Sargent gieli precedentement kellu problemi b'cekkijiet tal-appellant – fis-sens li dawna ma jigux onorati mill-bank, pero` l-appellant effettivement jispicca jhallsu – b'ebda mod ma jfisser li* <u>*fl-okkazzjoni partikolari meritu ta' din il-kawza*</u> *huwa kien dispost li jikkonsenja l-groceries "on account". Veru li l-appellant in segwitu hallsu; pero` dana l-fatt ma jfissirx li t-truffa ma tkunx saret – ifisser li jkun hemm lok ghall-applikazzjoni tal- Artikolu 337*[18] *tal-Kodici Kriminali f'kaz li l-hsara tigi rimedjata qabel ma tibda titmexxa ebda procedura kriminali. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed jigi respint.'*

F'sentenza ohra ukoll fl-ismijiet '<u>**Il-Pulizija v. Olaf Cini'**</u>[19] gie meqjus:

'Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, jidher, pero` mid-deposizzjoni ta' Moira Gauci Maistre (fol. 51 et seq., u specjalment a fol. 54) li dana c- cekk ta' Lm 270 kien ikopri zewg bookings: wiehed ta' xoghol ta' l- "Energy" li kien diga sar qabel ma nhareg ic-cekk (fol. 52), u l-iehor in konnessjoni ma' photographic session ghas-socjeta` "Mother and Child", liema photographic session, pero`, baqghet ma saritx (u ghalhekk ma jidhrix li ghaliha kien dovut xi pagament lil Lipstick Modelling School (jew Lipstick Model Agency kif inhi xi mindaqqiet indikata fl-atti)) – ara d- deposizzjoni ta' l-imsemmija Gauci Maistre a fol. 53. Ghalhekk, apparti konsiderazzjonijiet ohra li din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol fihom, ma jistax jinghad li bil-hrug tac-cekk falsifikat ta' Lm 270 lill-iskola jew agenzija msemmija l-appellant inkorra fir-reat ta' truffa jew ta' frodi innominata. Ghandu jinghad, pero` -- u dan qed jigi precisat in konnessjoni l-aktar mat-tieni aggravju -- li mis-sentenza appellata jirrisultaw kemm truffa fil-konfront tas-socjeta` Mincott Company Limited, kif ukoll frodi innominata fil-konfront tas-Selmun Palace Hotel.'

Fis-sentenza fl-ismijiet <u>**'Il-Pulizija versus Emmanuele Ellul'**</u>[20] gie meqjus li '*Issa, b'dak li ghamel l-appellant, ċjoe' li ħareġ ċekk meta fil-kont ma kellux fondi, għalkemm*

[18] Dana l-artikolu gie emendat bl-Artikolu 71 tal-Att III ta' l-2002 b'effett mill-1 ta' Mejju, 2002. (Din ir-referenza tinsab fit-tieni (2) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citatat.)

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Gunju, 2002 (Appell numru: 57/2002)

ċertament kien hemm xi element ta' qerq, ma jistax jingħad li f'dan il-każ, induċa lil xi ħadd milli jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa bi ħsara għal dak ix-xi ħadd u bi qligħ għalih...' Gie meqjus li '*b'ebda mod ma jista' jingħad li l-qerq tiegħu - il-ħruġ ta' ċekk fuq kont vojt - inċida (jew seta' jinċidi) fuq id-Dipartiment b'mod li dak id-Dipartiment jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa li ġġib it-telf u l-qligħ imsemmi. Fi kliem ieħor, ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness meħtieġ bejn il-qerq adoperat mill-appellant u xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni da parti tad-Dipartiment. U peress li dan in-ness hu meħtieġ ukoll għall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309, anqas ma jissussisti f'dan il-każ ir-reat ikkontemplat fl-imsemmi artikolu 309;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby'**[21] gie kkunsidrat li:

'*Fil-parti finali tas-sentenza taghha l-ewwel qorti, pero', kompliet tghid hekk:*

> *"Illi l-fatt hu illi l-imputat iffirma cheque favur Jane Borg fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt lira maltin (Lm3,500), hija x'inhija r-raguni li nhareg dan ic-cheque. Cheque huwa 'a promise to pay' fil-ligi u ghalhekk Jane Borg kienet fid-drittijiet taghha illi tipprezenta dan ic-cheque ghall-pagament, kien x'kien il-ftehim bejn binha u l-imputat, u dan il-ghaliex ic-cheque kien indirizzat lilha.*
>
> *"Illi hija pprezentat dan ic-cheque diversi drabi ghall-pagament u dejjem gie 'referred to drawer'. Interessanti wiehed jara illi meta hareg dan ic-cheque, l-account tal-imputat kien 'unfunded'.*
>
> *"Ghaldaqstant din il-Qorti qed issib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi lilu addebitati" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din il-Qorti b'ebda mod ma tista' taqbel mal-konkluzzjoni milhuqa minn dik il-qorti. Apparti li ma hemmx prova tad-data meta inhareg ic-cheque in kwistjoni, mhux kull cheque li ma jigix onorat mill-bank necessarjament jammonta ghar-reat ta' truffa (Artikolu 308, Kap. 9) jew ghar-reat minuri, izda kompriz u involut f'dak ta' truffa, ta' lukru frawdolent innominat (Art. 309); u dan hu hekk anke jekk kemm-il darba jirrisulta li meta inhareg ic-cheque, jew meta kellu jigi msarraf, min hargu kien jaf li ma hemmx flus fil-kont relattiv. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali, kolleggjalment komposta, fis-sentenza tad-29 ta' Novembru, 1922 fl-ismijiet ***Sua Maesta' il Re v. Antonio Demicoli***

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Gunju, 1997
[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Krimininali fit-12 ta' Frar, 1999 (Appell Numru: 229/98)

ed., *mhux kull forma ta' lokupletazjoni ossia arrikkiment maghmul a dannu ta' haddiehor tammonta ghal frodi fis-sens tal-ligi penali. Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (***Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul***, *App. Krim., 20/6/97; ara wkoll* ***Il-Pulizija v. Daniel Frendo***, *App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (***Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis***, *App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.IV.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" -- dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene -- ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn,* ***Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis***, *App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.IV.1137;* ***Il-Pulizija v. Francesca Caruana***, *App. Krim. 25/7/53, Vol. XXXVII.IV.1127; ara wkoll* ***Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer***, *App. Krim., 3/3/56). Naturalment, il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus jista' jkun propju l-mezz ta' ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali bil-konsegwenti gwadann ghall-agent (***Il-Pulizija v. Francis sive Franco Farrugia***, *App. Krim., 7/2/85, Vol. LXIX.V.596).'*

L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li r-reat li bih qed jigi akkuzat l-appellant huwa specifiku. Jissottometti li l-htija tezisti sakemm hu meta pprezenta c-cheques u ha s-servizz, hu kien jaf li dak ic-cheque li qed jipprezenta ma kienx ser jissarraf u pprezentah bl-intenzjoni li jinganna lil kreditur biex minkejja kollox jaghtih is-servizz. B'hekk skont l-appellant, hemm nieqes mit-tezi tal-prosekuzzjoni prova li hu kien jaf il-qaghda li kien fih il-kont, li minnu hargu c-cheques fil-gurnata li inghata s-servizz, kif ukoll fid-data tal-maturita' tac-cheque ghax dik kellha tkun il-gurnata li fiha ried ikun hemm il-flus fil-kont. Din il-Qorti tqis li minkejja li kien Omar Caruana li kien responsabbli tal-kont bankarju u kien anke l-firmatarju tac-cekkijiet in kwistjoni, din il-Qorti tqis li gie pruvat li Josef Grech kien konsapevoli ta' cekkijiet li nhargu tant li huwa kellu kuntatt dirett mal-kredituri. In oltre' mix-xhieda ta' uhud mill-kredituri jirrizulta li l-appellant kien jitlobhom jaghtu lura cekkijiet biex jissostitwihom b'cekkijiet ohra, irrizulta ukoll li l-appellant kien jaf bid-diffikultajiet finanzjarji tas-socjeta' tant li l-kont bankarju kien sussegwentement inghalaq meta dawn ic-cekkijiet kienu ghadhom ma ssarfux. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-

appellant meta bhal donnu jaghmel ta' bir-ruhu li ma kienx jaf il-qada finanzjarja tas-socjeta'. Nonostante l-fatt li ma kienx firmatarju tac-cekkijiet in kwistjoni, kien huwa li hafna drabi ghadda c-cekkijiet lil kredituri u bhala segretarju tas-Socjeta Filarmonika kellu ukoll id-dover bhala rapprezentant li jkun accertat li jkun hemm flejjes fil-kont bankarju meta jigi biex jissarraf ic-cekk u li kont bankarju ma jinghalaqx meta cekkijiet ikunu ghadhom ma ssarfux. L-allegazzjoni tal-appellant li dawn ic-cekkijiet kienu intesew ma tirrizultax mill-provi. Minn harsa lejn l-istatement of account a fol 57 et sequitur jirrizulta li mill-ahhar ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ftit li xejn kien hemm fondi fil-kont bankarju in kwistjoni tant li kien hemm anke zmien li l-kont kien bil-*minus*. Ghalhekk minkejja li meta allegatament inhargu c-cekkijiet kien hemm flus fil-kont bankarju ghalkemm mhux biex ikopri l-ammonti totali tac-cekkijiet kollha mahruga fl-istess hin, kellu jigi accertat li fil-mument li jigi biex jissarraf ic-cekk u cioe' fid-data indikata fuq ic-cheque ikun hemm bizzejjed fondi sabiex dawn jissarfu. Ir-relazzjoni li kellu mal-kredituri kienet titfa l-obbligu anke fuqu li cekkijiet ma jinhargux sakemm ma jkunx accertat li jkun hemm bizzejjed fondi meta jigu biex jissarfu. Di piu', din il-Qorti izzid li l-fatt li l-appellant sussegwentement prova jhallas lil kredituri, ma jfissirx li r-reat ma jkunx gie kommess. Naturalment mhux kull cekk li ma jissarrafx jammonta ghar-reati taht l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar Saviour Spiteri, l-appellant Josef Grech jghid lil kwerelant Saviour Spiteri hallsu s-somma kollha cash flok ic-cheques li ma kienux issarfu u skond Spiteri baqa xi erba' mitt Ewro pendenti li ghalihom qatt ma ghamel xejn biex jirkuprahom. Dwar l-element tal-hsara jghid li *dato ma non concesso* ir-reat jezisti biss limitatament ghat-telf fil-patrimonju ossia fl-ammont ta' erba' mitt Ewro. Jghid li meta Spiteri ried iserrah rasu li kien se jithallas ghalihom, Grech kien ghamel wiccu u gablu cheques tal-ex gharus tieghu biex jagixxu ta' garanzija ghall-pagament tal-cash li gie wara.

Din il-Qorti tqis li ghal dak li jirrigwarda Saviour Spiteri, jirrizulta li kien hemm erba' (4) cekkijiet mertu ta' dawn il-proceduri u cioe' dawk li jinsabu a fol 104 tal-atti. Cekk datat l-10 ta' April 2010, iehor datata l-10 ta' Mejju 2010, iehor datat it-28 ta' Mejju 2010 u iehor datat l-20 ta' Gunju 2010. Kopja taghhom tinsab a fol 28 sa 29 tal-atti. Ic-cekkijiet originali jinsabu fl-envelope a fol 104 u mmarkat bhala Dok SS1. Jirrizulta li

l-kont kien gia inghalaq fid-data tal-ahhar cheque indirizzat lil Saviour Spiteri u cioe' tal-20 ta' Gunju 2020 ghalkemm jirrizulta ukoll li c-cekkijiet inghatghu qabel ma kien inghalaq il-kont. Filfatt ma tressqitx prova li l-kont kien gia maghluq meta dawn ic-cekkijiet gew moghtija lil Saviour Spiteri. L-ittra datata l-14 ta' Ottubru 2010 mibghuta minn Romauld Attard u indirizzata lil Kummissarju tal-Pulizija b'mod specifiku lill-Ispettur Ivan Cilia u li tinsab a fol 56 taqra li '*With reference to your letter dated 11/10/2010, enclosed please find a statement pertaining to account number 40018827316 in the name of the above captioned which was opened on 13/02/2010 and closed on 19/06/2010 by the Bank.*'

Gie pruvat li kien il-ko-imputat Dr Omar Caruana li kien responsabbli tal-kont in kwistjoni mal-Bank of Valletta u li ghalkemm dawn ic-cekkijiet kien johroghom Dr Omar Caruana, dawn kienu jinghatghu lil kredituri mill-appellant Josef Grech. F'dak li jirrigwarda Saviour Spiteri, kopja tal-iskrittura privata giet prezentata a fol 24 et sequitur fejn il-partijiet kienu minn naha wahda Vince Farrugia, il-Prof Josef Grech u l-Avukat Dr Omar Caruana u minn naha l-ohra Saviour Spiteri.

Din il-Qorti oltre l-fatt jekk kienx hemm qerq da parti tal-appellant stante li kif inghad mix-xhieda ta' Saviour Spiteri jirrizulta li l-appellant kien jaf bil-qada finanzjarja tas-socjeta' tant li l-hlas ma kienx dejjem isir kif miftiehem, jehtieg li tqis jekk l-hrug tac-cekkijiet in kwistjoni u cioe' dawk prezentati in atti induciex u cioe' waslux lil Spiteri biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga.

Ivan Cilia fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) kien xehed li '*Il-kwerelant kien infurmani li kien inghata post- dated checks imbaghad meta mar biex isarraf dawn ic-cekkijiet ma kienux gew onorati. Kien ikkonfermali li l-kwerelant kien qalli li rcieva cekk numru 65 bid- data ta' 28 ta' Mejju 2010 ghal-ammont ta' €350, cekk numru 64 bid- data 10 ta' Mejju 2010 ghall-ammont ta' €250, cekk numru 63 bid- data 10 ta' April 2010 ghall- ammont ta' €350, u cekk numru 66 bid-data 20 ta' Gunju 2010 ghall-ammont ta' €250. Il-kwerelant spjega li dawn ic-cekkijiet inghatawlu kollha f'gurnata wahda partikolari ghalkemm id-data ma jiftakriex ezatt jahseb li kienet fit qabel l- 10 ta' April 2010.* ***Dawn ic- cekkijiet li semmejt kienu gew mibdula ma' cekkijiet ohra li wkoll kienu post- dated u wkoll kienu ma gewx imsarfa.*** ***Ic- cekkijiet l-ohra kienu mahrugin***

<u>minn certu Marion Williams kien spjegali li Josef Grech fil-bidu ta' April 2010 kien qallu biex ma jmurx isarraf ic-cekkijiet ghal issa pero dawn ic- cekkijiet imbaghad is- servizz hu lehaq ta s- servizz lill- banda</u>. *Is-Servizz tieghu kien jinkludi li kellu jorganizza numru ta' muzicisti biex dawn idoqqu mas-socjeta u skont l- agreement li kellu kien taghni kopja li nahseb ghad irid jigi ezebiti f' din il-kawza skont dan l- agreement huwa kellu jithallas qabel ma jinghata s- servizz. Fil- fatt imbaghad meta ic- cekkijiet baqghu ma thalsux, il- kuntratt ta' bejniethom kien waqa' u dan kien fis- 27 ta' Gunju 2010.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Din il-Qorti ghalhekk trid tqis jekk giex pruvat li l-ghoti tac-cekkijiet in kwistjoni u cioe' dawk prezentati fl-atti, kienx wassal lil Saviour Spiteri biex jaghmel xi haga u cioe' li jaghti servizz. Meta xehed Saviour Spiteri fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) xehed li '*kont naqla il-bandisti mas-socjeta' filarmonika Lourdes u kelli xi pagament b'lura dak iz-zmien u ghandi c-cekkijiet taghhom'*, kien spjega li '*Kelli ftehim jiena kemm jista' jkun jiena l-paga tieghi, mhux bhala paga, l-onorarja bl-ispejjez naghmel fix-xahar plus hlasijiet tal-bandisti. Li gara, kien jaghtini c-cekkijiet biex dana u dawn ic-cekkijiet kienu bbansjaw. U meta kont nghidilhom biex ihallsuni, l-kazin ma kienx f'pozizzjoni li jhalasni u kont gejt naghmel rapport lilkom biex jigru dawn l-affarijiet. Biex nipprova nithallas.*' Mistoqsi jekk ghal kull invoice kien jinghata c-cekk wiegeb '*Le. Jiena kien ikollna l-ftehim, skont il-ftehim li kellna ffirmat kemm ghandi niehu u kien ihallasni skont il-ftehim. Issa dan kien jaghtinni cekk, jghaddi z-zmien u kien jaghtini c-cekkijiet. X'kont kont immur insarrafhom, dan kien jaghmilli closed account.*' Mistoqsi meta kien jaghtih ic-cekkijiet wiegeb *<u>'Daqqa qabel is-servizz u qabel ix-xahar u daqqa kien jghidli li ma kelliex is-socjeta' u kien jaghtihomli wara</u>. <u>Pero' jiena kien hemm kuntratt li ridt nonorah hux</u>. Jigifieri x-xoghol ma tistax taqbad u tghid ma rridx naghmlu jew m''inhiex ser naghmlu. Trid taghmlu.*' Mistoqsi jekk id-data fuq ic-cekkijiet hija meta kien inghata ic-cekk, wiegeb '*Le, gieli kien jaghtihomli per ezempju, tlesti x-xoghol per ezempju, ha nivvinta data, l-ewwel (1) ta' April u kien jghidli mela fl-ghaxra (10) ta' April mur sarraf wiehed.*' Kien jaghtihomlu kollha f'daqqa b'dati differenti. Mistoqsi '*Pero' inti c-cekkijiet kienu jkunu f'idejk <u>anke waqt li toffri s-servizz</u> tieghek pero' jista' jkun li ma kienx jissarraf dak inhar.*' wiegeb '*Prosit.*' Meta Saviour Spiteri rega xehed in kontro-ezami din id-darba fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) qal li '*il-kuntratt dejjem kien ta' detriment. Ghaliex? Ghaliex minn naha tas-socjeta*

kwazi qatt ma mxiet ma' dak il-kuntratt. Gieli sa l-ahhar gurnata li ha ndoqqu, is-sebat ijiem jintesew. Il-flus flok jigu flus, jigu cekkijiet. Fl-ahhar gurnata itik ic-cekk.' Spjega ukoll li '*tant kemm gieli jkunu l-affarijiet kumpatti, illi konna nghidu li ghandek il-prezz u kienu jsiru ic-cekkijiet. Gieli ghal bicca xoghol wahda, saru darbtejn ic-cekkijiet, u tlett darbiet ghaliex tmur issaraflhom u isma' jghidlek le, biddel ha, hu cekkijiet ohrajn. Fil-fatt minghalija ma niftakarx ta', minghalija m'humiex Josef Grech kien iffirmahom dawk ic-cekkijiet li ghandkom intom ghax <u>dawk kienu gew mibdulin</u>.*' Kienu gew mibdulin ma cekkijiet ohra tal-kazin. Mistoqsi '*Kellhom jirrimpjazzaw cheques ohrajn dawn?*' wiegeb '*Le ghax il-bicca xoghol kienet issir hekk, f'xhur kienu jtuk flus, allright u tahdem u b'lura.*' Spjega li '*F'xhur kienu jtuk cekkijiet. Tmur ha ssaraflhom, icemplulek u jghidulek le issarahomx halli nbidluhomlok u ntuk cekkijiet ohrajn. Jigifieri jiena l-problema li ghandi issa, fuq dawn ghax tant kemm hi kompatta l-istorja li ma nixtieqx noqghod.*' Mhuwiex cert jekk kienu cekkijiet li nghataw lilu minflokk. Jghid li c-cekkijiet li suppost gew imsarfin u ma gewx imsarfin, ghamel xoghlu u ma gewx imsarfin. Ma setghax jikkonferma jekk dawn ic-cekkijiet inghawlu minflokk ta' Marion Williams ghalkemm l-isem idoqlu. Mistoqsi jekk gabarx ic-cekkijiet bil-quddiem wiegeb '*Le le* ***<u>qatt ma thallset is-socjeta bil-quddiem</u>***. *Le, le zgur li le.*' Spjega li '*inqalghet il-problema ghaliex jiena bdejt nishaq lil tal-Karmnu u, Rahal Gdid ghalhekk il-banda lesta jiena jekk ma jkollix il-hlasijiet, ma jsirux u huma biex jaghmlu over lapping ta' dawn ic-cekkijiet, u over lapping ta' kollox, baghtu huma l-karti lil bandisti tajjeb...*'

Fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) Saviour Spiteri xehed li '*l-attivita' saret, morna ha nsarrfu c-cekkijiet u c-cekkijiet ma ssarfux.*' Ic-cekkijiet jirreferu ghal '*Attivita' li saret qabel dawk id-dati u maghhom hlasijiet tal-bandisti, kien ikun hemm anke l-pagamenti tieghi, tajjeb? issa jien meta bdejt nara li dawn ic-cekkijiet ibbawnsjaw u jien ser nibqa' fuq il-kaz tieghi, jiena bdejt nibza' li nahdem iktar biex il-kont ma jitlax iktar.*' Mistoqsi '*Jien irrid inkun naf jekk imxejtux mal-kuntratt illi jekk inti ma tkunx imhallas l-attivita' ma ssirx. Dik li xtaqt inkun naf minghandek.*' wiegeb '*Tajba din, mela jien ghax tajtek ic-cekkijiet, tghid u iva issa ahdem, ghax ha jissarraf ic-cekk. Nidhku bin-nies.*'

Ghalhekk din il-Qorti ai fini tar-reat taht l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta trid tqis kemm jekk l-appellant kellux bil-hrug tac-cekk l-intenzjoni li

jinganna lil Spiteri u jekk giex ippruvat li l-appellant bl-ghoti tac-cekk induciex lil Spiteri sabiex jaghmel jew ma jaghmilx xi haga, f'dan il-kaz li jiprovdi servizz. Skont klawsola numru disgha (9) tal-ftehim li jinsab a fol 24 et sequitur bejn Saviour Spiteri u n-naha l-ohra Vince Farrugia, Josef Grech u Omar Caruana, '*Il-ħlas għandu jsir b'cheque jissarraf sa 7 tijiem qabel il-ġurnata ta' kull servizz, mis-Soċjeta' fuq imsemmija, dan għandu ikun indirizzat fuq Saviour Spiteri. Jekk dan ma jinżamx awtomatikament il-konsulent jinforma lill-bandisti li l-banda fuq imsemmija mhijiex ħa doqq u il-banda taħt l-ebda ċirkustanza ma tista tgħmel dan is-servizz. F'każ ta' festa titulari il-parti ta' flus li ser toħroġ is-Soċjeta' fuq imsemmija trid tkun għaddiet għand il-konsulent kollha sa 8 ġimgħat qabel is-servizzi tal-festa u issir ittra oħra minn naħa tas-Soċjeta' biex il-konsulent jiġbor il-flus tal-parti l-ohra.*' Filwaqt li klawsola numru tlettax (13) taqra '*L-ispejjeż kollha li toħroġ is-Soċjeta' biex isir kull kuntratt mall-bandisi baranin huwa ta' €1397.62 (LM600) ikunu kemm ikunu is-servizzi sa massimu ta' tnax -il servizz fis-sena. Jekk ikun hemm aktar servizzi il-ħlas ikun ta' € 93.17 (LM40) għal kull servizz. Is-sena tibda' mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru. Jekk is-servizz ikun lest u jiġi mħassar għal kull raġuni dan xorta jgħodd max-xogħol tal-Konsulent. Il-Pagamenti għandhom ikunu kull tlett xhur jiġifiri fi' Frar 2009/2010, Mejju 2009/2010 Awisu 2009/2010 u f' Novembru 2009/2010. Kull pagament għandu ikun ta' €349.40. Jekk dan ma jsirx is-Soċjeta' fuq imsemmija ma tistax tagħmel is-servizzi sakemm għanda ħlas pendenti mall-Konsulent.*' Jirrizulta skont ix-xhieda ta' Saviour Spiteri, li l-hlasijiet mhux dejjem kienu skont dak li jistipula l-ftehim.

Fl-ittra datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li tinsab a fol 226 prezentata minn Omar Caruana, Dr Omar Caruana baghat lil Saviour Spiteri jinfurmah li l-impjieg mas-Socjeta' bhala Konsulent mal-Banda gie terminat b'effett mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-senna elfejn u ghaxra (2010), fl-istess ittra kieteb '*B'din l-ittra ninfurmak ukoll illi inti ghandek tindika x'inhuma l-hlasijiet tieghek li huma dovuti lilek biex isiru l-arrangamenti kollha necessarji.*' Skont l-ittra datata t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li tinsab a fol 227 Dr Omar Caruana ghas-socjeta' Filarmonika Lourdes Paola A.D 1977 kieteb lil Avv. George Anton Buttigieg fost affarijiet ohra:

'Ninfurmak ukoll illi ma kien hemm l-ebda ksur ta' klawzola numru 13 u ta' klawzola numru 9 li tistipula li l-hlas b'cheque li ghandu jissarraf sa sebat ijiem qabel id-data ta' kull servizz biex is-servizz ikun jista' jsir. Dan peress li l-hlas ghal kull servizz li kien ippjanat mal-Konsulent tal-Banda dejjem sar u s-servizzi li s-Socjeta' mittenti li kellha din is-sena saru fosthom programm muzikali f'teatru gewwa MCAST Rahal Gdid u servizz f' Gunju festa Trinita' Qaddisa fil-Marsa. Kieku l-klijent tieghek ma rceviex il-hlas is-servizz kien jithassar kif jistipula l-istess klawzola 9 tal-Kuntratt. Fir-rigward ta' servizzi ohra lis-Socjeta' ippjanat u kuntratti li saru ma' bandisti ghandu jinghad li dan setgha jsir peress li kif fuq spjegat il-klijent tieghek kien diga kiser il-kuntratt li kellu mas-Socjeta' mittenti u inoltre li peress li klawzola 9 tirreferi ghall-hlas b' cheque b' referenza ghas-servizz li ghandu jsir u mhux ghall-hlasijiet li ghandhom isiru skond klawzola numru 13 tal-Kuntratt.

Bl-istanti ittra qieghed ninfurmak illi s-Socjeta' mhi ha taghmel l-ebda hlas qabel ma jsiru l-konteggi bejn iz-zewg nahat biex jigi stabbilit x' ghandu jithallas skond klawzola numru 13 tal-kuntratt u qabel ma jinhargu l-ircevuti fiskali kollha dwar hlasijiet passati li saru mis-Socjeta' mittenti lill-kliejnt tieghek. Ninfurmak f'dan ir-rigward illil-klijent tieghek diga thallas b'mod esagerat fir-rigward ta' servizzi li saru din is-sena u ghadaqstant ghandhom isiru l-konteggi necessarji biex l-ebda parti ma tkun zvantaggjata. Ninfurmak ukoll ili peress illi l-klijent tieghek gie mkecci mill-impjieg skond artikolu 36 (14) tal-Kap 452 l-unika pagamenti li huma dovuti huma dawk ta' Frar u Mejju 2010.'

Jirrizulta li Josef Grech gie interrogat xhur wara li ntbaghtu dawn l-ittri ghalhekk jirrizulta li Saviour Spiteri kien gia gie mitlub jindika x'kien dovut lilu. Jirrizulta li l-kwerela ghandha d-data tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn f'din il-kwerela saret referenza ghal li '*skond klawsola 9 ta' dan il-ftehim il-hlas mis-Socjeta' fuq imsemmija lill-klijent tieghi Saviour Spiteri ghandu jsir b'cheque li jissarraf sa 7 ijiem qabel il-gurnata ta' kull servizz, mis-Socjeta' fuq imsemmija u dan ghandu jkun indirizzat fuq il-klijent tieghi Saviour Spiteri;*
Illi meta il-klijent tieghi Saviour Spiteri mar biex isarraf dawn ic-cheques, li huma annessi ma' din il-kwerela, ma setghux jigu msarrfa ghaliex il-kont tal-bank kien maghluq;'

Mix-xhieda ta' Saviour Spiteri ma jirrizultax car jekk l-ammonti mertu tac-cekkijiet mertu ta' dawn il-proceduri li ma ssarfux jirrigwardaw hlas ghal bandisti jew hlas ta' spejjez jew jirraprezentawx iz-zewg hlasijiet. Ma jirrizultax car jekk dawn ic-cekkijiet

inghatghux minflokk cekkijiet ohra mahrugin precedentement u f'xi waqtiet lanqas ma huwa car jekk dawn ic-cekkijiet inbidlux ma ohrajn. Filfatt Saviour Spiteri fix-xhieda tieghu f'xi waqtiet lanqas kien cert dwar dan u lanqas ma rrizulta car jekk dawn ic-cekkijiet in kwistjoni inghatghux lil Spiteri qabel ma gie provdut is-servizz u cioe' kienux dawn ic-cekkijiet li inducewh sabiex jipprovdi servizz. L-appelant fl-appell tieghu fil-parti dedikata ghal fatti fil-qosor qal li '*kienu jinhargu cheques post dated, bi ftehim ma' minn jissupplixxi x-xoghol li kien b'hekk jaghtihom credit period. Fil-kaz de quo gara propriament hekk. Inghata servizz f'data u fl-istess data inhargu cheques post dated, bi ftehim mal-kreditur.*' F'parti mill-aggravju, jissottometti generikament dwar il-kredituri li fid-data li ha s-servizz bi qbil mal-kreditur ic-cheque kellu zmien biex jimmatura u b'hekk is-servizz kien qed jinghata on credit terms u mhux cash on delivery u l-kreditur ma kellux jiehu l-pagament minn id Grech dak inhar tas-servizz u b'hekk jghid li hu wettaq l-obbligu tieghu li jghaddilu c-cheque u kellu jkun it-tezorir li jara li fil-gurnata tal-maturita' tac-cekk li jkun hemm fondi bizzejjed. Jissottometti fost affarijiet ohra li hafna drabi l-Pulizija, b'zelu zejjed, kull transazzjoni kummercjali li tmur hazina jibdew jarawha bhala frodi jew messa in xena. Li hemm linja reqieqa li tifred dan kollu u li hi l-intenzjoni ta' minn jaf li dak il-pagament mhux ser jigi onorat qabel ma effettivament ikun ghamlu. Din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dak li jipprovdi l-appell izda trid tqis dak li jirrizulta mill-atti.

Fl-istqarrija tieghu, l-appellant Josef Grech mistoqsi dwar dawn ic-cekkijiet ta' Saviour Spiteri li ma ssarfux qal li '*Mela pprezenta c-cekkijiet l-bank wara li kien gie terminat l-impjieg. Ic-cekkijiet kienu post dated.. Dawn gew moghtija lilu f'okkazzjoni wahda u kien insista li <u>jinghata dawn ic-cekkijiet qabel ma jwettaq is-servizz tieghu lejn is-socjeta.</u> Nghid li c-cekkijiet inghatawlu f'Marzu 2010 u kellhom jimmatturaw fid-dati indikati kif hemm miktub fuqhom...*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) Mistoqsi '*Veru li qabel dawn ic-cekkijiet Spiteri kien inghata cekkijiet mahruga minn certu Marion Williams?*' wiegeb '*<u>Iva, veru</u>, imma cekkijiet ta' Williams kienu antiki u Williams ma setghatx tohrog cekkijiet ghan-nom tas-socjeta'. U ghalhekk iddecidejna li dawn ic-cekkijiet jinbidlu u Spiteri kien accetta. Williams li ma kienetx parti mis-socjeta, izda biss it-tfajla tieghi riedet tghin is-socjeta' peress li Spiteri beda jinsisti li jkollu xi haga f'idu tajnih cekkijiet ta' din Williams.*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) Il-pagamenti lil bandisti '*Kienu jsiru cash tramite Saviour Spiteri. Il-bandisti kollha mhallsin u baqa' biss pendenti is-servizz ta' Spiteri*

u dan ghar-raguni li diga semmejt kif ukoll li kien hemm bandisti li thallsu inqas milli kien qalina Spiteri. Nghid li jien nista' ngib lista' ta' dawn il-bandisti li thallsu inqas milli kien miftiehem ma Spiteri.'

Ghalhekk jirrizulta li l-appellant Josef Grech fl-istqarrija rilaxxata minnu minn naha wahda jissottometti li Spiteri kien insista li jinghata dawn ic-cekkijiet qabel ma jaghti s-servizz u minn naha l-ohra ikkonferma li dawn ic-cekkijiet kienu nghataw wara cekkijiet li harget Williams u li ghalhekk din il-Qorti fehmet li dawn ic-cekkijiet kienu issostitwew cekkijiet li harget Williams.

Din il-Qorti tqis ghalhekk li hemm konflitt f'dak li jirraprezentaw ic-cekkijiet moghtija lil Spiteri. Ma jirrizultax car jekk dawn ic-cekkijiet prezentati in atti kienux gew moghtija lil Saviour Spiteri minflokk cekkijiet ohra u jekk dan kien il-kaz lanqas ma gie indikat meta c-cekkijiet precedenti gew moghtija lil Saviour Spiteri. L-appellant fl-istqarrija tieghu kien ikkonferma li dawn ic-cekkijiet kienu inbidlu ma cekkijiet ohra moghtija precedentement, Ivan Cilia u Saviour Spiteri ukoll jaghmlu referenza ghal bdil ta' cekkijiet, filwaqt li fl-appell tieghu l-appellant jaghti xejra differenti xejra li din il-Qorti ma tistax toqghod fuqha jekk ma tirrizulta mill-atti. Ghalhekk gialadarba jirrizulta li dawn ic-cekkijiet prezentati in atti u li ma gewx onorati setghu issostitwixxew cekkijiet ohra mahruga minn Williams, mhuwiex car jekk kienux dawn ic-cekkijiet prezentati in atti li nducew lil Spiteri biex jaghti servizz jew kienux ic-cekkijiet moghtija precedentement li qatt ma gew prezentati in atti li wasluh biex jaghti servizz bhal kif lanqas huwa car jekk dawn ic-cekkijiet inghatghux wara li s-servizz kien gia inghata. Din il-Qorti ghalhekk tqis li in linea tal-principju li kull dubju ghandu jmur favur l-imputat, sejra tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni rigwardanti r-reat fil-konfront ta' Saviour Spiteri.

Ikkunsidrat;

Dwar Alberto Serra l-appellant fl-appell tieghu jghid li meta Serra mar fuq Grech u qallu bil-problema li holoq haddiehor, huwa ffirmalu kambjali favur tieghu u jghid li Serra ghandu kambjali validi f'idejh. Fl-istess appell jissottometti li dwar ic-cheques

ta' Serra hemm provi li huma konfliggenti billi gew pprezentati kopja ta' cheques relattivi li numru minnhom ma jappartjenux lill-istess Serra tant li jindikaw persuna ohra b'isem iehor. Jissottometti li hemm konflitt car bejn dak li jghid li ghandu jiehu ma dak indikat fic-cheques u dak indikat fl-invoice. Jaghmel sottomissjonijiet dwar li l-invoice ghal hlas prezentata hija tas-socjeta' Alberto Serra International co ltd. Jissottometti li ma jista' qatt ikollok sitwazzjoni fejn ma hemmx prova cara ta' minn fir-realta' sofra d-dannu jekk kienx Alberto Serra li jidher li hemm tnejn bl-isem 'Snr' u 'Jnr' jew is-socjeta' Alberto Serra International Co. Ltd.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant Josef Grech gie mistoqsi '*Alberto Serra qed jghid li hafna mill-materja li biegh kien f' April inghata erbgha cekkijiet f'April stess li kienu post dated izda mbaghad sab li l-kont kien maghluq, inti xi tghid?*' wiegeb '*Dan li qed jghid huwa minnu, ahna wahda mill-laqghat li naghmlu bejnietna iddecidejna li hadd mill-kumitat ma johrog flus minn butu halli jkunu nafu jekk is-socjeta' tkunx tista' tfendi wehedha. Ghal dan il-ghan jiena ghamilt kawza kuntratt notarili fejn jien ghandi niehu xi ammonti mis-socjeta' kif ghandhom jiehdu ufficjali ohra.*'.

Fl-atti ta' din il-kawza giet ipprezentata fost provi ohra ittra a fol 80 datata d-disgha (9) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) mibghuta minn Avv.Omar Caruana fuq inkarigu tas-Socjeta' Filarmonika Lourdes Paola A.D 1977 lil Chev. Serra Alberto fejn gie infurat li l-ammont ta' €3,400 dovut mis-socjeta ser tithallas fi zmien sena mill-31 ta' Marzu, 2011 sat-28 ta' Frar 2012 u tnizzel li ghandu jsib sett ta' tnax il-kambjali iffirmati u accettati. Gie anke nfurmat li s-Socjeta' lesta thallas imghax bir-rata ta' 8% fil-mija. Giet ipprezentata ukoll invoice bla data a fol 40 u mmarkata bhala Dok ag2 fl-ammont totali bil-VAT inkluz jammonta ghal €2336.40. Giet ipprezentata invoice ohra a fol 85 datata it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) immarkata bhala Dok AS3 fl-ammont ta' €1062 bil-VAT inkluz. A fol 84 gew ipprezentati kopja ta' erba' cekkijiet fl-ammont ta' €500 kull wiehed datati s-16 ta' April 2010 indirizzat lil Alberto Serra u tlett cekkijiet ohra u cioe' dawk datati l-5 ta' Mejju, 2010, il-25 ta' Mejju 2010 u t-30 ta' Gunju 2010 li izda huma indirizzati lil Alberto Scerri mhux Alberto Serra. A fol 86 pprezentat kopja ta' cheque indirizzat lil certu 'Kevin..' u kunjom li donnu jaqra 'Mifsud' izda mhux daqstant car u mahrug minn 'David Borg' datat it-23 ta' Ottubru 2009 izda ma jirrizultax x'inhu r-relevanza ta' dan ic-cheque.

Alberto Serra fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-senna elfejn u hdax (2011) mistoqsi fejn huma l-original taghhom wiegeb li '*ic-cekkijiet qieghdin ghandu ghax taghjthomlu lura habba l-kambjala hux.*' In kontro-ezami fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) mistoqsi '*li inti u Josef ftehmtu li dawk ic- cekks taghtihomlu lura u minnflok jaghtik kambjali*' wiegeb '*naghmlu l-arrangamenti yes u ghandi ittra minn Dr. Omar fejn jikkonferma dan*'. Fl-appell tieghu l-appellant jikkonferma li flok ic-cekkijiet, Serra kien iffirmalu kambjali tant li Serra ghaddielu c-cekkijiet lura.

Dwar l-aggravju rigwardanti l-fatt li uhud mic-cekkijiet huma indirizzati lil Alberto Scerri mhux Alberto Serra tqis li gialadarba ma tressqitx spjegazzjoni ghala tnizzel dak il-kunjom u mhux ta' Serra', din il-Qorti ma tistax issib htija dwar cekkijiet indirizzati lil Alberto Scerri datati l-5 ta' Mejju, 2010, 25 ta' Mejju, 2010 u 30 ta' Gunju 2010. Biss pero' jirrizulta li inhareg cekk indirizzat lil Alberto Serra datat is-16 ta' April 2010. L-appellant jissottometti ukoll li l-provi huma konfliggenti dwar l-ammont dovut stante li invoices jindikaw ammonti ohra. Dwar dan, din il-Qorti tqis li dak li trid tqis din il-Qorti huwa dan ic-cekk u mhux invoices b'ammonti ohra mahruga. L-istess jinghad dwar il-fatt li invoices prezentati jindikaw is-socjeta' Alberto Serra International Co. Ltd u li hemm zewg diretturi bl-istess isem u cioe' '*Chev. Alberto Serra OSJ, Alberto E. Serra Jr.*'. Is-sottomissjoni dwar dan hija bla bazi stante li Alberto Serra tela jixhed dwar cekkijiet li inhargu lilu u ghalhekk irrispettivament ta' jekk huwa kienx qieghed jirraprezenta kumpanija, ic-cekk kien indirizzat lil Alberto Serra u ghalhekk il-vittma indikata fuq l-akkuza korrettament huwa Alberto Serra. Biss pero', din il-Qorti taghmilha cara li l-Prosekuzzjoni ghandha tassigura li provi mressqa ma jkunux ambigwi u fejn jigu prezentati dokumenti li ma jkunux daqstant cari, ghandha tassigura li dan jigi ccarat fosthom billi tistaqsi lil xhud biex jikjarifika ghala f'dan il-kaz tirrizulta isem kumpannija fl-invoices prezentati. Jekk umbghad l-appellant huwa tal-fehma li ma trattax jew ma kienx ghamel negozju ma' dan ix-xhud, kien umbaghad jinkombi fuq l-imputat li jressaq tali prova fuq bazi ta' probabilita.

L-akkuzat Josef Grech fl-istqarrija tieghu gie mistoqsi '*Alberto Serra qed jghid li hafna mill-materjal li biegh kien f' April, inghata erbgha cekkijiet f'April stess li kienu post dated izda mbaghad sab li l-kont kien maghluq, inti xi tghid?*' wiegeb '*Dan li qed jghid huwa minnu, ahna wahda mill-laqghat li naghmlu bejnietna iddecidejna li hadd mill-kumitat ma johrog flus minn butu halli jkunu nafu jekk is-socjeta' tkunx tista tfendi wehedha. Ghal dan il-ghan jiena ghamilt kawza kuntratt notarili fejn jien ghandi niehu xi ammonti mis-socjeta kif ghandhom jiehdu ufficjali ohra.*'

Ivan Cilia fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li '*Alberto Serra spjegali li kien ilu jaf lil Josef Grech u kien qed jaghmel business mieghu ghal xi 8 xhur. Alberto Serra kien jipproduci xi accessorji biex dawn jitwahlu mal-uniformijiet tal-bandisti u qal ghalkemm xi whud minn dawn l-accessorji kien gia pproducihom fi zmien ta' qabel, ic- cekkijiet inghataw lilu mal-ahhar konsenja li huwa kien ta' lil Josef Grech. Ic-cekkijiet kienu wkoll post dated u nghataw lilu f'April tas-sena 2010.*' Meta xehed Alberto Serra fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa spjega li fid-2009 avvicinah Josef Grech u staqsieh biex jaghmillu xoghol ta' spalletti, ingravati, accessorji li hu x-xoghol tieghu. Meta kien jaghtih ix-xoghol kien jaghtih cekkijiet. Ic-cekkijiet kienu post-dated. Meta ssir l-ordni normalment jaghtih c-cekkijiet. Mistoqsi '*inti dan ix- xoghol qed taghtihulu ghax inti ghandek ic- cekkijiet?*' wiegeb '*dazgur pagament post-dated yes*'. Mistoqsi '*jigifieri dan li kieku ma takx dawn ic-cekkijiet inti ma kontx se taccetta x- xoghol minn ghandu*' wiegeb '*naturalment.*' Mistoqsi '*mela l- hlas ma kienx isir dak in- nhar pero lilek dak in- nhar li qed tehodlu l- ordni biex taghmillu x- xoghol qed jaghtik cekk post-dated.*' wiegeb '*iva.*' Xehed li '*kont naghmillu x-xoghol per ezempju ngravati jaghtini xihaga mbaghad aghmilli spalletti wkoll dejjem nzidu.*' Ikkonferma li kull darba li kien jigi b'dawn ic-cekkijiet qed jaghmillu l-ordni. Jikkonferma li li kieku ma tahx ic-cekkijiet ma kienx se jaghmel ix-xoghol. Jikkonferma li meta accetta ic-cekk ghax ghamillu ix-xoghol. Kien jaghtih xi haga u l-bilanc dejjem jakkumula. Mistoqsi '*imma inti kieku ma kienx jaghtik dan ic- cekk ma kontx se taghmel ix-xoghol il- gdid*' wiegeb '*naturalment.*' Mistoqsi '*l- ahhar cekk huwa datat 30 ta' Gunju 2010 inti l- ahhar bicca xoghol meta tkun ghamiltha ?*' wiegeb '*ma nafx ezattament ifhimni pero kull darba li mmur biex ihallasni, dil- gimgha ma nistax okay no problem nigi next week nigi next week pero mbaghad too long id- dati ma nafhomx ezattament jigifieri imma avolja kont nikteb kollox jien.*' In kontro-ezami fis-seduta tas-

sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) ikkonferma li l-konsenji kienu bejn is-snin 2008 u 2009. Spjega li '*kien jaghmilli l- ordni nikkonsenja, mbaghad immur jaghtini xi parti minnu*'. Gieli tah xi haga dak il-hin, kien bi ftehim bejniethom. Kien hemm parti minnhom ma kien ihallsu xejn '*ihallasni wara yes, jaghtini xi cekk xi kultant jghaddi u l- ohrajn le.*' In ri-ezami ikkonferma li mal-mument li jaghtih ix-xoghol kien qed jircievi cekk post-dated. In kontro-ezami rega qal li mad-deliveries dejjem kien jaghtih xi haga 5% jew 10% li jkollu fil-but u l-maggoranza tmur ghalihom wara. Din il-Qorti tqis li minkejja li fl-istqarrija ta' Josef Grech huwa kien ikkonferma li hafna mill-materjal li biegh kien f'April u li inghata erbgha cekkijiet f'April, mhux l-istess jghid l-allegat vittma. Filfatt Alberto Serra xehed li l-oggetti gew konsenjati bejn l-2008 u 2009 u ma tressqitx prova li dawn ic-cekkijiet inghatghu f'dawk is-snin fil-fatt l-imputazzjoni tirrigwarda Settembru 2010 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni kemm il-darba fil-mistoqsijiet taghha versu dan ix-xhud kemm il-darba ssugerietlu li ma kienx jacceta x-xoghol jekk ma kienx jaghtih ic-cekk u x-xhud ikkonferma dan, fl-istess hin dan ix-xhud jaghti x'jifhem li l-konsenja kienet gia saret meta nghata c-cekkijiet jew li kien jinghata persentagg mal-konsenja u kien jigbor ic-cekkijiet wara. Ghaldaqstant hemm provi kunfliggenti dwar jekk ic-cekk partikolari u cioe' dak datat is-16 ta' April 2010 induciehx biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga. Ghaldaqstant, din il-Qorti mhijiex issib htija ta' l-imputazzjoni rigwardanti dan il-vittma.

Ghal dak li jirrigwarda George Cassar, l-appellant jissottometti li George Cassar naqas milli jipproduci r-ricevuti u l-fatturat ta' dak li hu qed jghid li fil-fatt sofra. Jghid li din kellha tkun l-ahjar prova tad-dannu minnu soffert, haga li naqas jaghmilha meta l-prosekuzzjoni hija vinkolata bl-obbligu li tressaq l-ahjar prova u dik hija l-ahjar prova tal-valur. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni fis-sens li l-fatt li dan l-allegat vittma ma prezentax invoice ma jfissirx li ma tressqitx prova, tali prova tressqet mill-prezentata tac-cekkijiet moghtija lilu.

Din il-Qorti tqis li jirrizulta li iz-zewg cekkijiet in kwistjoni kienu dawk datati l-14 ta' Awissu 2010 u l-14 ta' Lulju 2010. Dawn jinsabu fl-envelop a fol 108 u ghalhekk din il-prova kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant hija l-ahjar prova ta' dak soffert. Fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax

(2011) George Cassar kien xehed li Josef Grech kien tahomlu dawn ic-cekkijiet ghax kien ibieghlu xi affarijiet bhal mobiles. Ic-cekkijiet inghatghu hafna qabel id-data. Meta xehed in kontro-ezami fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) qal li kien baghtu fl-ufficju tal-Avukat. Jghid li '*kont mort ghand Josef Grech u c- cekk hargu dak mort fl-ufficju u hargu c- cekk*' u cioe' hargu Omar Caruana. Interessanti li meta Omar Caruana tah ic-cekkijiet b'data il-boghod kien mar jghid lil Josef Grech, ghalhekk jirrizulta li Josef kien jaf dwar dawn ic-cekkijiet. Spjega li '*jiena li kelli x' naqsam ma' Josef Grech lilu naf lill-iehor ma nafux issa l- iehor jew skrivana tieghu jew xi haga hekk jigifieri ma kkalkulajtux bhala importanti jien*'. Il-kont bankarju in kwistjoni kien diga inghalaq fid-dati indikati fic-cekkijiet in kwistjoni u ghalhekk certament li ma setghux jissarfu. Dan ix-xhud fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) kien xehed li '*Kont diga tghajtulu x-xoghol jiena.*' U li '*Imma mbaghad hadt ic-cekkijiet hux.*' In kontro-ezami fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) ikkonferma li l-oggetti tahomlu qabel ma tah ic-cheques. Mistoqsi ghala ma oggezzjonax ghad-data miktuba fuq ic-cekkijiet spjega li '*kont dari mal- hajt hux jien kont qtajt qalbi ghal flus.*' Ivan Cilia fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) '*ircivejna rapport iehor ghand certu George Cassar u dan spjegali li kien biegh numru ta' mobiles u laptop lil Josef Grech ghall-ewwel kien inghata zewg cekkijiet kien ftakar li dawn z-zewg cekkijiet li inghata kellhom isem feminili fuqhom pero mbaghad Josef Grech talbu biex jibdilhomlu dawn ic-cekkijiet u inghata cekk number 100 bid-data ta' 14 ta' Lulju 2010 ghal- ammont ta' €700 u cekk iehor numru 87 datata 14 ta' Awwissu 2010 ghal-ammont ta' €665.*[22]

Din il-Qorti tqis li sabiex tinsab htija taht l-artikolu 308 jew 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jehtieg li mhux biss li l-imputat ikun jaf u cioe' li jkollu x-xjenza li tali cekk ma jistax jissarraf, haga li skont din il-Qorti tqis li l-appellant kien jaf bil-qada finanzjarja tas-socjeta' tant li kien jitlob il-kredituri jaghtuh lura cekkijiet u jibdilhom ma ohrajn, jehtieg li l-imputat ikun bil-hrug tac-cekk jew cekkijiet induca lil xi hadd biex jaghmel xi haga. F'dan il-kaz partikolari jirrizulta skont ix-xhieda ta' George Cassar, li meta gie moghti c-cekkijiet, huwa kien diga' pprovda l-oggetti lill-imputat li jfisser ghalhekk li l-ghoti ta' cekkijiet li fl-ahhar mill-ahhar irrizulta ma

[22] Ic-cekk bin-numru 87 jammonta ghal €675 mux €665 kif indikat minn Ivan Cilia. Dan jinsab fl-envelop a fol 108.

setghux jissarfu ma induciex lil Cassar biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga. Ghalhekk din il-Qorti tqis li lanqas ma tista issib htija tal-ewwel imputazzjoni ghad-dannu ta' George Cassar.

Ghaldaqstant l-appellant sejjer jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni. Konsegwentement huwa lanqas ma jista' jinstab hati tat-tieni imputazzjoni rigwardat reat li sehh waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fil-5 ta' Mejju, 2010. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji mressqa dwar it-tieni imputazzjoni u dwar il-piena.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant Josef Grech, taqta' u tiddeciedi billi ma ssibx lil Josef Grech hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah kemm mill-htija kif ukoll mill-piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur